# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Frar 2020**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 107/2016 JVC**

**Jamburu Jara u b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2019 l-isem ghandu jaqra Diara Diambourou (Police number 11F-263), Issa Jaruke u b'digriet tas-27 ta' Awwisu 2019 l-isem ghandu jaqra Issa Yalcouye (Police number 15A-053), Mama Sangare u b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2019 l-isem ghandu jaqra Sangare Ngnama (Police number 15A-074), Wali Traore (Police number 15A-27), Selia Konate u b'digriet tas-27**

**ta' Awwissu 2019 l-isem ghandu jaqra Kounate Salya (Police number 11D-65), Mamadou Camara u b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2019 l-isem ghandu jaqra Camara Mamadou (Police number 14C-067), Segu Diba u b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2019 l-isem ghandu jaqra Dipa Sekou (Police number 11B-122), Mamadou Traore (Police number 08UU-006), Ibrahim Camara u b'digriet tas-26 ta' Awissu 2016 ghandu jaqra Kamara Ibrahim (Police number 14C-087)**

**vs**

1. **Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**
2. **Ministru tal-Intern**
3. **Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Jamburu Jara (Police number 11F-263) et ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

'Illi r-rikorrenti kollha iddikjaraw li huma imwielda gewwa il-Mali u peress illi is-sitwazzjoni taghhom f'pajjizhom kienet u

ghada wahda imwergha, huma kienu ddecidew, fi zminijiet differenti bejn is-snin elfejn u sebgha (2007) u l-elfejn u hmistax (2015), li jemigraw lejn l-Ewropa;

Illi minkejja li ma kenitx l-intenzjoni taghhom li jigu Malta, huma waslu gewwa Malta bejn is-snin elfejn u tmienja (2008) u l-elfejn u hmistax (2015);

Illi immedjatament mal-wasla taghhom f'Malta, ir-rikorrenti rispettivament kienu ttiehdu gewwa centri ta' detenzjoni fejn huma kienu gew mizmuma ghall diversi xhur;

Illi fl-istess waqt u immedjetament mal-wasla taghhom f'Malta, kull rikorrent rispettivament inharget kontrih decizjoni ta' ritorn, liema decizjoni setghat tigi appellata biss fi zmien tlett (3) ijiem minn meta din inharget, u liema decizjoni harget qabel ma' fil-fatt saru l-applikazzjonijiet minnhom ghar-refugju mal-Kummssarju ghar-refugjati;

Illi sussegwenti ghall-hrug ta' decizjoni ta' ritorn, huma ma inghatawx id-dritt ghall-ghajnuna legali u lanqas setghu ifittxu t-tali ghajnuna ilghaliex huma kienu mizmuma f'detenzjoni. Ghaldaqstant, huma ma setghux effetivament jappellaw id-decizjoni ta' ritorn mahruga fil-konfront taghhom;

Illi nonostante li r-rikorrenti rispettivament kellhom mahruga kontrihom decizjoni ta' ritorn, huma ma gewx ritornati fil-pajjiz tal-origini taghhom u ghaldaqstant ilhom jghixu Malta, ghall-numru sostanzjali ta' snin;

Illi allura matul it-trapass ta' snin huma bnew hajja socjali gewwa Malta u filfatt huma anke jahdmu skond permessi mahruga mil-

Awtoritajiet kompetenti u b'hekk kkontribwew fil-hajja socjo-ekonomika ta' Malta;

Illi ghaldaqstant, illum ir-rikorrenti ghandhom jigu meqjusa bhala individwi integrati fis-socjeta' Maltija;

Illi minkejja dan kollu, matul ix-xahar ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) ir-rikorrenti gew sistematikament u arbitrarjament arrestati mill-Pulizija ta' Malta u gew immedjatament detenuti f'centru ta' detenzjoni gewwa Hal Safi;

Illi huwa ben maghruf minn informazzjoni ufficjali maghmula mill-intimati illi l-iskop ta' din id-detenzjoni saret bl-intiza illi r-rikorrenti jigu deportati lura lejn il-pajjiz tal-origini taghhom u dan bil-forza tad-decizjoni ta' ritorn mahruga fil-konfront ta' kull rikorrent rispettivament, minkejja il-fatt illi t-tali decizjonijiet ta' ritorn gew mahruga numru sostanzjali ta' snin ilu;

Illi sal-lum, l-arrangamenti sabiex issir id-deportazzjoni tar-rikorrenti ghadhom pendenti u sahansitra anke spekulattivi u dan stante dikjarazzjonijiet ufficjali maghmula mill- Gvern Malian;

Illi r-rikorrenti bhalissa huma mizmuma arbitrarjament f'centru ta' detenzjoni u b'hekk qeghdin jigu pprevjati mid-dritt taghhom ghall-liberta' u s-sigurta u dan bi ksur tal-Artikolu hamsa (5) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Aktar minn hekk, huma jinsabu fi stat ta' limbu peress li ma jistghux jikkontestaw id-detenzjoni taghhom quddiem xi Awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu tlettax (13) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll l-Artikolu sebgha u erbghin (47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Illi matul id-detenzjoni pendenti, ir-rikorrenti affacjaw u ghadhom sal-lum qedghin jaffcjaw ostakli kontinwi u diffikultajiet sabiex jithallew jikkonsultaw mal-avukat taghhom;

Illi ghaldaqstant, il-hrug immedjat ta' decizjoni ta' ritorn fil-konfront ta' kull wiehed mir-rikorrenti tikser Artikolu wiehed u tletin (31) tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus ta' Rifugjati maghmula f'Ginevra, ta' liema Malta hija Stat Kontraenti;

Illi l-fatt li r-rikorrenti ma setghux effettivament jikkontestaw id-decizjoni ta' ritorn mahruga fil-konfront taghhom meta din inharget inizjalment u ghadhom sallum ma jistghux jikkontestaw din l-ordni, jammonta ghall-ksur tal-Artikolu sebgha u erbghin (47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll Artikolu tlettax (13) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi inoltre, id-detenzjoni arbitrarja tar-rikorrenti u l-eventwali deportazjoni taghhom tikser kemm l-Artikolu wiehed (1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-Direttiva 2008/115/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill stante illi dan l-istat isarraf fi vjolazzjoni tad-dinjita' tal-bniedem, u kif ukoll tikser l-Artikolu numru tnejn u tletin (32) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu numru tmienja (8) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu sebgha (7) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea stante illi d-detenzjoni u eventwali deportazzjoni taghhom cahhad lir-rikorrenti mir-rispett ghall-hajja privata u tal-familja.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghogobha:

1. Tiddikjara illi d-decizjoni ta' ritorn mahruga fil-konfront tar-rikorrenti rispettivament tikser Artikolu wiehed u tletin (31) tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus ta' Rifugjati maghmula f'Ginevra;

2. Tiddikjara illi d-detenzjoni tar-rikorrenti hija abbuziva u tmur kontra d-drittijiet taghhom kif sanciti fl-Artikolu hamsa (5) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fl-Artikolu sebgha u erbghin (47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll Artikolu;

3. Tiddikjara illi d-detenzjoni tar-rikorrenti m'hijiex valida stante illi hija bbazata fuq decizjoni ta' ritorn abbuziva u illi l-esponenti ma inghatawax rimedju effetiv sabiex jikkontestaw il-validita' tat-tali decizjoni, kif sanciti fl-Artikolu tlettax (13) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll l-Artikolu sebgha u erbghin (47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

4. Tiddikjara illi l-eventwali diportazzjoni tal-esponenti tkun tammonta ghall-ksur kemm l-Artikolu wiehed (1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-Direttiva 2008/115/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u kif ukoll l-Artikolu numru erbgha u tletin (34) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, Artikolu numru tmienja (8) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu sebgha (7) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

5. Taghti dawk ir-rimedji kollha mehtiega u necessarji fil-konfront tal-esponenti sabiex jigu salvagwardjati id-drittijiet fundamentali taghhom.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, tal-Ministru tal-Intern u tal-Avukat Generali kif isegwi:

'Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fis-sens illi *"bhalissa huma mizmuma arbitrarjament f'centru ta' detenzjoni u b'hekk qeghdin jigu pprevjati mid-dritt taghhom ghall-liberta' u s-sigurta u dan bi ksur tal-Artikolu hamsa (5) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Aktar minn hekk, huma jinsabu fi stat ta' limbu peress li ma jistghux jikkontestaw id-dentenzjoni taghhom quddiem xi Awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu tlettax (13) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll l-Artikolu sebgha u erbghin (47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea".* Ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw ukoll li d-decizjoni ta' ritorn tmur kontra l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus ta' Rifugjati maghmul f'Ginevra kif ukoll li d-detenzjoni u l-eventwali deportazzjoni tar-rikorrenti ser tikser l-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, tad-Direttiva 2008/115/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Illi l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti;

1. Illi *in linea* preliminari, l-esponenti jissottomettu li l-Ministru tal-Intern u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimi

kontradditturi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Illi *in linea* preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea u dan skont dak li jipprovdi l-Artikolu 51 tal-istess Karta;

3. Illi *in linea* preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu l-improponibbilita' ta' azzjoni kostituzzjonali msejsa fuq allegat ksur tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus ta' Rifugjati maghmula f'Ginevra. Illi azzjoni kostituzzjonali tista' ssir biss abbazi ta' allegata vjolazzjoni ta' wiehed mill-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikoli tal-Konvenzjoni li jinsabu fl-Iskeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi *in linea* preliminari wkoll, in kwantu l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli u dan peress illi dan l-artikolu huwa biss introduzzjoni ghal-lista tad-Drittijiet Fundamentali bhal ma huwa l-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni li jintroduci l-lista ta' drittijiet u libertajiet fundamentali li dwarhom l-Istati firmatarji jobbligaw ruhhom li jharsu fit-territorju taghhom. Dawn iz-zewg artikoli qatt ma jistghu jigu nvokati;

   L-esponenti jirrilevaw illi hija l-Kostituzzjoni stess illi fl-Artikolu 46 fl-ewwel subinciz tieghu jeskludi l-applikazzjoni

tal-Artikolu 32 tal-istess Kostituzzjoni meta tipprovdi s-segwenti;

"**46.** (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili f'Malta tista' tahtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju".

L-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa biss arikolu introduttiv u mhux intiz sabiex jigi invokat bhala dritt fundamentali per se u dan peress li l-artikoli protettivi ghad-drittijiet fundamentali huma kontenuti fl-artikoli 33 sa 45 u dan kif jipprovdi l-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni;

5. Illi *in linea* prelimari wkoll, ir-rikorrenti qed jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante li qed jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom rimedju ordinarju sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti kellhom u ghad ghandhom id-dritt li jipprezentaw rikors quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni kemm skont dak li jipprovdu l-Artikolu 25A (9) u (10) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll skont dak li jipprovdi r-Regolament 11 (8) tal-*Common Standards and Procedures for Returning Illegally Staying Third Country Nationals*

(Legislazzjoni Sussidjarja 217.12) sabiex jattakkaw id-detenzjoni taghhom. Illi in kwantu r-rikorrenti qed jilmentaw minn applikazzjoni hazina tad-Direttiva numru 2008/115/EC ir-rikorrenti kellhom a disposizzjoni taghhom azzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha.

L-esponenti jirreferu ghall-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u jissottomettu li in vista tas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha;

6. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, l-esponenti jissottomettu li ma jissussisti ebda ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi d-detenzjoni tar-rikorrenti tinkwadra ruhha perfettament taht il-paragrafu (f) tal-Artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni, b'dana li tali detenzjoni sehhet stante l-proceduri ta' deportazzjoni li qeghdin jittiehdu in konfront tar-rikorrenti.

Illi bhala fatti jirrizulta li hemm in konfront tar-rikorrenti ordni ta' tnehhija *(removal order)* liema ordni nharget skont dak li jipprovdi l-Artikolu 14 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi r-rikorrenti kollha huma *rejected asylum seekers* u dan stante li l-applikazzjoni ghall-kisba ta' stat ta' ghazil giet rigettata mill-Kummissarju ghar-Rifugjati u dina d-decizjoni giet konfermata fl-istadju tal-appell. Ghalhekk illum il-gurnata r-rikorrenti kollha, gialadarba li r-rikorrenti ma ottjenew l-ebda stat ta' protezzjoni umanitarja u ma ghandhom l-ebda permess ta' residenza validu, huma kunsidrati bhala persuni projbiti skont dak li jipprovdi l-

Artikolu 5 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ordni ta' tnehhija qatt ma giet kontestata u ghadha valida u gialadarba, l-awtoritajiet Maltin u dawk tal-Mali qeghdin prezentement jiffinalizzaw il-hrug tad-dokumenti tar-rikorrenti sabiex jigu deportati, certament li d-detenzjoni tar-rikorrenti bl-ebda mod ma tista' titqies bhala wahda arbitrarja.

L-esponenti jirreferi ghall-awturi stabbiliti f'dan il-kamp **Harris, Boyle & Warbick** illi jghallmu illi: "*Detention may be justified by Article 5 (1) (f) even though a formal request or an order for extradition has not been issued, provided that enquires have been made, since the enquires amount to 'action' being taken in the sense of that provision. Likewise, detention may be within Article 5 (1) (f) even though deportation or extradition does not in fact occur'.*

Ghalhekk fil-kaz odjern ghanda kaz li jiggustifika d-detenzjoni u l-privazzjoni tal-liberta' tar-rikorrenti abbazi tal-Artikolu 5 (1) (f) tal-Konvenzjoni Ewropea bil-konsegwenza li d-detenzjoni tar-rikorrenti hija wahda gustifikabbli u permissibbli u dan peress li d-detenzjoni tar-rikorrenti sar f'kuntest ta' ezekuzzjoni ta' ordni ta' tnehhija li ser twassal ghad-deportazzjoni tar-rikorrenti.

Illi jsegwi ghalhekk li ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

7. Illi mhux siewja l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huma ma ghandhomx rimedju taht il-ligi domestika sabiex it-talba taghhom sabiex jikkontesaw id-detenzjoni taghhom tigi kkunsidrata minn Awtorita' kompetenti u dan allegatament

bi ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

L-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata r-rimedju. L-importanti huwa li jinghata rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali. Fil-fehma tal-esponenti, ir-rimedju mahsub kemm mill-Kap. 217 tal-Ligijiet kif ukoll dak mahsub mill-Legislazzjoni Sussidjarja 217.12 huma rimedju adegwat li jahseb ghalih il-ligi ordinarja. Certament li wiehed lanqas ma jrid jinsa' li din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha hija awtorita' nazzjonali li tista' taghti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li sehhew infrazzjonijiet konvenzjonali. Tassew hija ghandha s-sahha li taghti kumpens morali lir-rikorrenti jekk huma jinghataw ragun fl-ilmenti tieghu.

Illi anke jekk ir-rikorrenti ma jaqblux li r-rimedji mahsuba fil-Kap. 217 u l-legislazzjoni sussidjarja 217.12 mhumiex rimedji adegwati, dan ma jfissirx li r-rikorrenti ma jistghux jaghmlu t-talba taghhom taht xi ligi domestika ohra. Propriju dawn il-proceduri ghandhom il-potenzjal li jaghtu dak li qieghed ifittxu r-rikorrenti u cioe' rimedju.

Illi bl-intavolar ta' dawn il-proceduri konvenzjonali r-rikorrenti stess qed jirrikonoxxu li s-sistema Maltija tipprovdi ghal rimedju domestiku li huwa effettiv. Li kieku ma kienx hekk ir-rikorrenti ma kienux ser joqghodu jehlu l-hin u l-flus taghhom biex jifthu dawn il-proceduri.

Ghalhekk safejn ir-rikorrenti qed jilmentaw minn ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dan huwa manifestament infondat jekk mhux ukoll fieragh ghaliex dawn il-proceduri u din l-Onorabbli Qorti bhala awtorita nazzjonali ghandom is-setgha li jaghtu rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk kemm-il darba jirnexxielhom juru li tassew gew imkasbra lilhom xi wiehed mill-jeddijiet fundamentali taghhom kif imhares taht il-Konvenzjoni Ewropea.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, in kwantu jitratta d-dritt ghal rimedju effettiv, ma jaghmel l-ebda distinzzjoni dwar it-tip ta' rimedju moghti gialadarba r-rimedju jkun wiehed effettiv.

Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanzjana mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

8. Illi in kwantu l-azzjoni odjerna qed tinvoka b'mod dirett l-artikolu 31 tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus ta' Rifugjati maghmula f'Ginvera, l-esponenti jecepixxu li l-Konvenzjoni tal-1951 ma tistax tigi ccitata bhala *corpus legali* u dan stante li l-Konvenzjoni taghmel biss stat vis-a`-vis l-Istati firmatarji taghha u mhux bejn l-Istat u l-individwu, u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jinvokaw ebda strument legali in konnessjoni mal-pretiza lezjoni tad-drittijiet taghhom ghajr il-ligi tal-Istat li tieghu huma cittadini.

Illi dan il-principju huwa osservat fil-Qrati taghna wkoll. Bizzejjed wiehed jiccita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Awwissu 2001, fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Mohammed Abdel Monem Abbas* (Appell numru

116/2001VDG), fejn il-Qorti osservat dan li gej ghar-rigward ta' Konvenzjoni ohra bejn Stati, cioe' dik dwar l-Estradizzjoni "... *trattat negozjat, iffirmat u ratifikat mill-Ezekuttiv fih innifsu u wahdu m'ghandux il-forza ta' ligi fil-kamp domestiku. Ma tistax qorti domestika tiehu konjizzjoni direttament ta' trattat internazzjonali; qorti domestika, pero', tista' tiehu konjizzjoni ta' trattat internazzjonali in forza ta' ligi domestika"* (bhal fil-kaz tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li tinsab fl-Iskeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.

9. Illi in kwantu r-rikorrenti qed jallegaw li l-eventwali deportazzjoni taghhom tammonta ghal ksur tal-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ksur tad-Direttiva 2008/115/EC, ksur tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni u ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-esponenti jibda biex jirreferi ghall-inapplikabbilita' tal-Artikolu 32 tal-Konvenzjoni kif eccepit aktar il fuq f'din ir-risposta.

   L-esponenti jirrilevaw ukoll li r-rikorrenti ma ndikawx fir-rikors promotur liema disposizzjoni tad-Direttiva allegatament ser tigi miksura bid-deportazzjoni taghhom. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu li certament li r-rikorrenti huma totalment zbaljati meta jinterpretaw it-thaddim ta' ligi tal-Unjoni Ewropea bhala li neccessarjament jikser il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Illi r-rikorrenti trasponew b'mod fidil id-Direttiva u qed jimplimentaw id-disposizzjonijiet tad-Direttiva skont dak li l-istess direttiva tahseb ghalih.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kombinat mal-Artikolu 1 u 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-esponenti jissottomettu li bhala regola dan l-artikolu tal-Konvenzjoni jipprovdi illi kull persuna ghandha dritt ghar-rispett tal-hajja familjari taghha u ghall-privatezza taghha. Is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu jipprovdi illi interferenza fit-tgawdija ta' dan id-dritt ma twassalx ghall-lezjoni jekk tali interferenza saret skont il-ligi u tkun neccessarja f'socjeta' demokratika.

L-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti dejjem gew trattati b'rispett lejn il-hajja privata u familjari taghhom u b'mod dinjituz u li certament li fl-ebda waqt ma gie vjolat id-dritt taghhom protett permezz tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jew mill- Artikolu 1 u 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Illi certament li l-ezekuzzjoni ta' ordni legittima mahruga skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta qatt ma tista' tigi nterpretata li tikser dawn id-disposizzjonijiet protettivi u dan stante li dawn l-artikoli jashbu ghall-interferenzi liema interferenzi jkunu skont il-ligi u neccessarji f'socjeta' demokratika.

Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhux misthoqqa u ghandha tigi michuda.

10. Illi jsegwi ghalhekk li t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

12. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-Kummissarju tal-Pulizija bhal ufficjali Principali tal-Immigrazzjoni, Ministru tal-Intern u tal-Avukat Generali li taqra kif isegwi:

'Illi filwaqt li l-esponenti jaghmlu riferenza ghar-Risposta taghhom ipprezentata fit-28 ta' Dicembru, 2016, qeghdin permezz tal-prezenti jzidu s-segwenti:

L-esponenti jissottomettu li ma jissussisti ebda ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi d-detenzjoni tar-rikorrenti tinwkadra perfettament taht wahda mill-eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-Artikolu 34 (j) tal-Kostituzzjoni u dan stante li d-detenzjoni saret sabiex tigi effettwata r-rimpatrijazzjoni lejn il-pajiz ta' origini tar-rikorrenti.

Illi d-detenzjoni tar-rikorrenti hija wahda legittima u dan skont il-provvedimenti tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta) liema detenzjoni qieghdha ssir sabiex ir-rikorrenti jirritornaw lejn il-pajjiz ta' origini taghhom u cioe' lejn il-Mali.

Illi l-istat tar-rikorrenti hawn Malta huwa ta' immigranti ipprojbiti u dan stante li l-applikazzjoni li ghamlu r-rikorrenti sabiex jinghataw stat ta' ghazil giet michuda kemm mill-Kummissarju ghar-Rifugjati kfi ukoll fl-istadju tal-appell bil-konsegwenza li r-rikorrenti ma ghandhom l-ebda stat legali f'Malta. L-istess rikorrenti ma kkontestawx l-ordni ta' tnehhija li nharget in konfront aghhom kfi ukoll qatt ma ottjenew l-ebda permess ta' residenza jew protezzjoni umana bil-konsegwenza li r-rikorrenti huma kunsidrati bhala persuni projbiti skont dak li jipprovdi l-Artikolu 5 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-kaz odjern, kif ser jintwera fil-kors tal-proceduri, id-detenzjoni u l-privazzjoni tal-liberta' tar-rikorrenti tinkwadra taht l-eccezzjoni li jahseb ghaliha l-paragrafu (j) tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta bil-konsegwenza li d-detenzjoni tar-rikorrenti hija wahda gustifikata u permissibbli u dan stante li r-rikorrenti qeghdin jigu detenuti fil-kuntest ta' l-ezekuzzjoni ta' ordni ta' tnehhija li ser twassal ghad-deportazzjoni tar-rikorrenti.

Illi jsegwi ghalhekk li ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Salv u impregudikata kwalukwe eccezzjoni ohra f'kaz ta' bzonn.'

Rat l-affidavits, xiehda, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat li fil-verbal tat-28 ta' Dicembru 2016 l-partijiet qablu li t-trattazzjoni u dokumenti esebti fl-atti tar-rikors ghall-helsien mill-arrest kellhom jaghmlu wkoll parti mill-proceduri odjerni.

Rat illi fl-istess verbal il-Qorti diversament preseduta dderigiet li kellha tinghata sentenza preliminari fuq l-ewwel hames eccezzjonijiet.

Rat illi r-raba' eccezzjoni giet irtirata minn Dr. Victoria Buttigieg fil-verbal tas-seduta ta' nhar l-24 ta' Jannar, 2017 a fol. 21 u fol. 22 tal-process wara li giet akkordata korrezzjoni fin-numru tal-artikolu indikat fir-raba' tal-talba attrici fir-rikors guramentat u cioe' minn Art 32 tal-Kostituzzjoni ghal Art 34;

Rat illi b'sentenza preliminari ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta, datata 23 ta' Frar, 2016 il-Qorti laqghet l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimati u cahdet il-hames eccezzjoni tal-

istess intimati bl-ispejjez jigu decizi mas-sentenza finali. Rat ukoll li t-tieni eccezzjoni thalliet sabiex tigi deciza mal-mertu;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 30 ta' Mejju, 2019 sabiex isir bdil fl-okkju precizament fl-ismijiet tar-rikorrenti, liema rikors gie milqugh kif dedott permezz ta' digriet tas-27 ta' Awwissu, 2019;

Rat il-verbal tal-21 ta' Marzu, 2019 fejn il-partijiet gew awtorizzati jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti pprezentata nhar it-30 ta' Mejju, 2019 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati pprezentata nhar il-5 ta' Dicembru, 2019;

Rat illi fil-verbal tal-5 ta' Dicembru, 2019 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti:**

Illi r-rikorrenti kollha waslu Malta bl-uzu ta' dghajjes bl-immigranti bejn is-snin elfejn u tmienja (2008) u elfejn u hmistax (2015) minghajr il-permessi rikjesti minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni. Jirrizulta li r-rikorrenti mal-wasla taghhom gewwa Malta ddikjaraw li huma mill-Mali u minn tfittixija li saritilhom dakinhar stess irrizulta li dawn ma kellhomx mezzi biex imantnu lilhom infushom. Jirrizulta li lil kull wiehed u wahda minnhom, wara li saritilhom intervista, nhargitilhom Ordni ta' Tnehhija liema ordni kienet tista tigi appellata bil-ligi fi zmien tlett

(3) ijiem. Wara li sarulhom testijiet medici sabiex jaraw il-kundizzjoni fizika taghhom l-atturi lkoll ttiehdu fic-centri ta' detenzjoni fejn kienu mizmuma hemm ghal diversi xhur u konsegwentement gew rilaxxati fis-socjeta`.

L-atturi jsostnu li mal-hrug tal-Ordni ta' Tnehhija huma ma nghatawx id-dritt tal-ghajnuna legali u lanqas ma setghu jfittxu tali ghajnuna ghaliex huma kienu mizmuma f'detenzjoni. Jirrizulta li waqt li l-atturi kienu fid-detenzjoni huma lkoll ressqu talba ghall-azil madanakollu kemm it-talba ghall-azil kif ukoll l-appell taghha gew michuda b'dan li hemm qbil li l-atturi fl-ebda hin ma nghataw *temporary humanitarian protection* (THP). Peress illi ghalkemm gew kunsidrati bhala immigranti projbiti rrizulta li l-atturi ma kellhomx dokumenti ufficjali per conseguenza dawn ma setghux jigu ripatrijati f'pajjizhom u ghalhekk wara li damu xhur fid-detenzjoni dawn gew mehlusa. L-atturi isostnu li kien ilhom zmien twil anki snin shah mehlusa mid-detenzjoni u ghalhekk jargumentaw fl-affidavits taghhom li huma bnew hajjithom gewwa Malta tant li lkoll isostnu li ghandhom xoghol bil-permessi mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti u jhallsu l-kontribuzzjonijiet bhal kull cittadin iehor.

Jirrizulta li f'Novembru tas-sena 2016 l-Kummissarju tal-Pulizija gie mgharraf mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin li kienet ser tattendi f'Malta delegazzjoni mill-Mali b'kollaborazzjoni mal-Agenzija Frontex sabiex tkun tista' tidentifikhom effettivament bhala cittadini tal-Mali u sussegwentament jkunu jistghu jinhargulhom id-dokumenti neccessarji sabiex jkunu jistghu jigu ripatrijati f'pajjizhom. L-atturi jsostnu li nhar l-14 ta' Novembru elfejn u sittax (2016) meta huma kienu ntalbu sabiex jattendu l-kwartieri tal-Pulizija sabiex igeddu l-permessi fl-Ufficcju Principali tal-Immigrazzjoni huma (flimkien ma' ohrajn li

sussegwentament gew rilaxxjati – tlieta u tletin b'kollox) gew arrestati mill-Pulizija u mehuda lkoll fic-centru ta' detenzjoni gewwa Hal Safi.

Illi jirrizulta li d-delegazzjoni mill-Mali waslet tlett gimghat wara cioe' nhar il-5 ta' Dicembru, 2016 u damet Malta sad-9 ta' Dicembru, 2016. Mill-atti jirrizulta wkoll li mill-persuni kollha li kienu gew detenuti gew identifikati ghaxra (10) (disa' (9) minnhom ir-rikorrenti odjerni) u kien ghalhekk li r-rimanenti gew rilaxxjati filwaqt li l-ghaxra (10) l-ohra thallew fid-detenzjoni bl-intiza li wara li jintbghatu d-dokumenti taghhom mill-Mali dawn jigu ripatrijati.

Jinghad fl-affidavit tal-atturi li whud mill-persuni nvoluti f'Dicembru 2016 kellmu permezz tat-*telephone* avukat privat li jirrizulta li kien Dr Gianluca Ciappitta u fejn fis-26 ta' Dicembru, 2016 (wara tmient'ijiem ta' stennija sabiex jinghata l-permess) huwa mar fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u nfurmahom li kien istitwixxa l-kawza odjerna. Jirrizulta wkoll mill-atti li malgrad li sar skambju ta' korrispondenza bejn l-Awtoritajiet ta' Malta u l-Awtoritajiet ta' Mali, d-dokumenti necessarji sabiex l-immigranti projbiti jigu ripatrijati baqghu qatt ma gew mibghuta. Fil-mori ta' dawn il-proceduri precizament nhar l-14 ta' Frar, 2017 ir-rikorrenti gew mehlusa, skont l-Awtoritajiet ghar-raguni li sa dak il-mument ma kienx ghad hemm il-possibilita' li dawn jigu ripatrijati stante li ma ntbaghtu l-ebda dokumenti mill-awtoritajiet tal-Mali.

Illi mid-decizjoni preliminari ta' din il-Qorti diversament preseduta jirrizulta li l-ewwel talba tal-atturi giet michuda permezz tal-istess.

Illi ghalkemm illum ir-rikorrenti jinsabu mehlusa mid-detenzjoni xorta jibqa t-talbiet sussegwenti sabiex jigu determinati u cioe':

1. It-tieni talba dwar jekk id-detenzjoni tar-rikorrenti kinitx wahda abbuziva li tmur kontra d-drittijiet sanciti fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

2. It-tielet talba dwar jekk id-detenzjoni kinitx wahda valida stante li bbazata fuq decizjoni ta' ritorn abuziva u l-atturi ma nghatawx rimedju effettiv sabiex jikkontestaw il-validita' ta' tali decizjoni kif sanciti fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; u

3. Ir-raba' talba dwar jekk l-eventwali deportazzjoni tar-rikorrenti tammontax ghall-ksur tal-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-Direttiva 2008/115/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif ukoll l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

**Id-Dettalji tar-rikorrenti hekk kif jirrizultaw mill-atti**

**1. Mamadou Traore– Police number 08UU-006 – kaz tal-Ispettur Edel Mary Camilleri** (affidavit tar-rikorrent a fol. 87 sa fol. 89 tal-process):

Jirrizulta mill-atti li huwa wasal Malta nhar it-22 ta' Lulju, 2008 wara vjagg bid-dghajsa ta' tlett ijiem u tlett iljieli li kien fiha 25 persuna. Huwa jghid li malli waslu ttiehdu l-Headquarters fejn

inghata brazzuletta bin-numru ta′ referenza tal-pulizija tieghu 08UU-006. Isostni li fil-pussess tieghu kellu s-somma ta′ mitejn (200) dollaru li gew mizmuma mill-Pulizija. Jghid li huwa nghata karta mill-Pulizija pero′ ma setax jifhem il-karta fuq xiex kienet u dana peress li huwa ma kienx jifhem u lanqas jitkellem il-lingwa Ingliza u skont l-istess attur hadd ma spjegalu l-karta fuq xiex kienet. Jixhed li dam sena fic-centru ta′ detenzjoni f′Hal Safi u sussegentament intbghat fic-centru miftuh fil-Marsa. Wara sena, huwa gie nfurmat li ma jistax jibqa′ izjed fic-centru miftuh tal-Marsa u kien ghalhekk li mar jirrisjedi f′Marsascala ma′ habib tieghu. Jghid li wara li kien gie rrilaxjat mic-centru ta′ detenzjoni ta′ Hal Safi huwa kien gabar lura l-mitejn dollaru ($200). Isostni li mis-sena 2015 huwa beda jahdem legalment ma′ Zahra Construction fejn ihallas it-taxxi u fejn ghandu numru ta′ sigurta′ socjali. Jghid li f′Novembru 2016 ntalab imur sabiex igedded id-dokumenti u l-*working permit* u hemm hekk gie nfurmat li kien sejjer jigi deportat il-Mali. Jghid li gie nfurmat ukoll li kienet gejja delegazzjoni minn Mali u ghalhekk kellu jigi detenut sal-wasla taghhom. Kien ghalhekk li gie mehud fic-centru ta′ detenzjoni ta′ Hal Safi. Jghid li huwa qatt ma gie moghti karti u lanqas gie moghti d-dritt li jkellem avukat jew mezz iehor li bih jista′ jikkontesta l-arrest.

Isegwi jghid li l-kundizzjonijiet fic-centru ta′ detenzjoni ta′ Hal Safi kienu hziena fejn jelenka l-istat li fih kienu jghixu. Jghid li xi darba f′Dicembru kienu gew grupp ta′ nies li qalu li huma minn Mali fejn kellhom intervista ma′ kull wiehed minn nies minn Mali. Fl-istess xahar habib tieghu qabdu ma′ Avukat privat sabiex jinghata ghajnuna liema avukat kellmu tramite t-telephone fejn saqsih diversi domandi. L-ghada tal-Milied l-Avukat Gianluca Cappitta mar izuru u nfurmah li kien fetah kawza f′ismu u f′isem il-persuni l-ohra li kienu ghadhom taht detenzjoni. Jghid li gie

rrilaxxjat fil-14 ta' Frar, 2017 fejn huwa baqa jahdem ma' Zahra Constructions madanakollu huwa kien tilef il-posizzjoni tieghu fuq il-post tax-xoghol.

**2. Diara Diambourou (orginarjament indikat bhala Jamburu Jara) – Police number 11F-263** (affidavit tar-rikorrent a fol. 90 sa fol. 100 tal-process):

Jixhed illi wasal Malta fid-19 ta' Mejju, 2011 permezz ta' dghajsa fejn jghid li kienu ammont kbir ta' nies. Isostni li sabiex waslu Malta mill-Libja damu tlett ijiet u tlett iljieli. Malli waslu kienet saret tfittxija fuqhom fejn jirrizulta li kellu *mobile* u li dan gie mizmum mill-Pulizija. Jixhed li ttiehed il-kwartieri tal-pulizija fejn inghata brazzuletta bin-numru tieghu jkun 11F-263 flimkien ma' dokument li hu ma setax la jaqra u lanqas jifhem peress li ma setax jaqra l-lingwa li biha kien miktub. Izid li gie arrestat bl-uzu tal-manetti u ttiehed fic-centru ta' detenzjoni f'Hal Safi.  Wara tlett (3) ijiem li kien ilu fic-centru ta' detenzjoni jghid li marru xi nies li llum sar jaf li kienu minn ta' JRS madanakollu huwa ma setax jifhem x'inhuma jghidu peress li ma setax jifhem il-lingwa li kienu jitkellmu biha.

Jghid li wara ftit granet huwa kellu intervista fejn wiegeb xi domandi u ghadda l-informazzjoni tieghu u sussegwentament gie nfurmat li ma kienx gie moghti l-azil. L-ittra ta' rifjut giet lilu spjegata minn habib li kien jghix fic-centru mieghu. Jikkonferma li huwa appella mid-decizjoni. Wara ftit granet huwa iltaqa' ma' avukat pero' stranament ma kellux konversazzjoni mieghu. Isostni li huwa dam fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi ghal tmintax (18) il-xahar fejn fil-permanenza tieghu hemm huwa bata minn kundizzjoni fil-gilda. Jghid li sussegwentament huwa kien mar jghix fil-open centre ta' Hal Far u dam hemm ghal madwar ghal

hmistax (15) il-xahar. Jixhed li sab xoghol mal-Marsovin u ghadu hemm sallum fejn ihallas it-taxxa u ghandu n-numru tas-sigurta' socjali.

Wara li huwa ghex Hal Far ghal madwar hmistax (15) il-xahar gie nfurmat li kellu jitlaq. Peress li kellu xoghol stabbli kera fond gewwa Zabbar. Ikompli jghid li f'Novembru, 2016 mar ghand il-Pulizija sabiex igedded id-dokument tal-Pulizija u l-*working permit* izda gie nfurmat li kien sejjer jigi ripatrijat lura lejn pajjizu. Gie nfurmat ukoll li kien sejjer jigi mehud ic-centru ta' detenzjoni f'Hal Safi sakemm tigi delegazzjoni minn Mali u tehodhom lura. Wara ftit granet li kien rega' gie mpoggi fid-detenzjoni marru zewg irgiel minn AWAS u JRS u wiehed minnhom qal li huwa avukat. Jghid li kellimhom minhabba l-kundizzjoni medika tieghu fejn hadu notamenti madanakollu jinsisti li ma gara xejn.

Ikompli jixhed li f'Dicembru 2016 kienu marru grupp ta' nies mill-Mali fejn ghamlulu ntervista. Fl-istess xahar habib tieghu qabdu ma' Avukat privat sabiex jinghata ghajnuna liema avukat kellmu tramite t-telephone fejn saqsih diversi domandi. L-ghada tal-Milied l-Avukat Gianluca Cappitta mar izuru u nfurmah li kien fetah kawza f'ismu u f'isem il-persuni l-ohra li kienu ghadhom taht detenzjoni. Gie rrilaxxjat mic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi fl-14 ta' Frar, 2017 u fejn wara huwa kompla jahdem mal-Marsovin. Flimkien mal-affidavit tieghu huwa ezebixxa dokumenti konsistenti f'kopja tal-booklet li nghata flimkien ma' kopja ta' certifikat tal-isptar Boffa flimkien ma ricevuta.

**3. Dipa Sekou (originarjament indikat bhala Segu Diba)– Police number 11B-122** (affidavit tar-rikorrent a fol. 83 sa fol. 86 tal-process):

Illi huwa wasal Malta fit-28 ta' Marzu, 2011 permezz ta' dghajsa flimkien ma' mitejn (200) ruh ohra fejn damu tlett ijiem u tlett iljieli sabiex waslu. Mal-wasla tieghu huwa nghata numru bir-referenza 11B-122 u jikkonferma li nghata karta pero' jghid li ma kienx jaf il-kontenut taghha peress li ma setax jaqra l-lingwa. L-ghada kienu marru xi nies li llum il-gurnata jaf li kienu membri tal-JRS li huwa ma jafx l' ghaliex kienu hemm peress li ma setax jifhem. Jsostni li dam sena u sitt xhur fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi. Meta nghata r-rilaxx gie trasferit fic-centru miftuh tal-Marsa fejn dam sena u sussegwentament gie nfurmat li ma setax joqghod izjed hemm u mar joqghod ghand habib tieghu fil-Marsa. Jghid li huwa kien beda jahdem ma' San Antonio Hotel & Spa pero' biddel ix-xoghol u beda jahdem ma' Federated Mills bhala xufier. Jghid li huwa registrat mas-Sigurta' Socjali u ghandu n-numru tas-sigurta' socjali C-50260781. Minn meta beda jahdem huwa beda jikri post ghalih gewwa Paola.  F'Novembru, 2016 huwa mar sabiex igedded id-dokumenti necessarji fejn infurmawh li kien ser jigi detenut ghal perjodu ta' gimghatejn u di fatti ttiehed fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi. F'Dicembru 2016 kienu marru grupp ta' nies mill-Mali fejn ghamlulu intervista fejn gie mistoqsi diversi domandi. Fl-istess xahar habib tieghu qabdu ma' Avukat privat sabiex jinghata ghajnuna liema avukat kellmu tramite t-telephone fejn saqsih diversi domandi. L-ghada tal-Milied l-Avukat Gianluca Cappitta mar izuru u nfurmah li kien fetah kawza f'ismu u f'isem il-persuni l-ohra li kien ghadhom taht detenzjoni.  L-attur dam fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi sal-14 ta' Frar, 2017.

**4. Kamara Ibrahim (orginarjament indikat bhala Ibrahim Camara)_– Police number 14C-087** (affidavit tar-rikorrent a fol. 121 sa fol. 124 tal-process):

Isostni li wasal Malta fit-8 ta' Gunju, 2014 permezz ta' dghajsa fi zmien jumejn flimkien ma' mija u tletin (130) persuna ohra. Ittiehed il-kwartieri tal-Pulizija fejn hemm hekk inghata brazzuletta b'numru ta' identifikazzjoni fuqha 14C-087 flimkien ma xi dokumenti li ma setax jifhem peress li ma kienx jaf jaqra l-lingwa li kien miktub biha. Jghid li hadd ma spjegalu dawn id-dokumenti. Jixhed li gie arrestat bl-uzu tal-manetti u ttiehed f'centru ta' detenzjoni f'Hal Safi. Gimgha wara marru xi nies li huwa identifika bhala bhala tar-Red Cross fejn tawhom il-possibilita' li jcemplu lil familja taghhom. Izid li kellmithom persuna li huwa identifika bl-isem ta' Solage fejn hija nfurmathom li kien ser ikollhom intervista mal-awtoritajiet sabiex jigu evalwati minhabba l-azil. It-talba ghall-azil giet rigettata u fejn l-kontenut taghha gie spjegat lilu minn habib tieghu mill-Gambia. Jghid li dan l-istess habib ghenu sabiex jaghmel appell minn din id-decizjoni madanakollu risposta fuq l-appell li huwa ghamel baqa' qatt ma rcieva. Jghid li huwa dam madwar erbgha (4) xhur fic-centru ta' detenzjoni u sussegwentament huwa gie trasferit fic-centru miftuh f'Hal Far. Dam fic-centru miftuh ghal sena u peress li huwa kellu xoghol fiss beda jghix gewwa Hal Luqa fejn ghadu hemm sallum.

F'Novembru 2016 isostni li mar sabiex igedded id-dokument tal-Pulizija u l-*work permit* fejn gie nfurmat li kien hemm l-Ispettur Buhagiar li ried ikellmu. Hemm hekk sab numru ta' hbieb jistennew bhalu. L-Ispettur Buhagiar kellimhom fejn infurmhom li l-Mali dahal fi ftehim ma' Malta sabiex jergghu jigu ripatrijati lura. Jghid li l-Ispettur qallhom li dan kien ser jiehu biss xahar u kien ghalhekk li huma gew arrestati u mehuda fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi. Jghid li xi tlett ijiem wara marru jzuruhom xi individwi minn tal-JRS. F'Dicembru marru xi ndividwi mill-Mali fejn ghamlu ntervista. Fl-istess xahar habib tieghu qabdu ma'

Avukat privat sabiex jinghata ghajnuna liema avukat kellmu tramite t-telephone fejn saqsih diversi domandi. L-ghada tal-Milied l-Avukat Gianluca Cappitta mar izuru u nfurmah li kien fetah kawza f'ismu u f'isem il-persuni l-ohra li kienu ghadhom taht detenzjoni. L-attur dam fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi sal-14 ta' Frar, 2017 u wara reggha mar jahdem ma Mafimex Limited.

**5. Camara Mamadou (originarjament indikat bhala Mamadou Camara) Police number 14C-067** (affidavit tar-rikorrent a fol. 125 sa fol. 128 tal-process):

Dan l-attur jghid li huwa wasal Malta fit-8 ta' Gunju, 2014 permezz ta' dghajsa mimlija madwar 130 persuna. Il-vjagg dam cirka jumejn bi tluq minn Libja. Meta waslu Malta saritilhom tfittxija u lilu kienu sabulu dokument ta' identifikazzjoni li kien gie mehud mill-Pulizija. Jghid li kienu tawh brazzuletta b'numru ta' identifikazzjoni 14C-067 flimkien ma' dokumenti li ma setax jifhem peress li ma kienx jaf jaqra l-lingwa li biha kienu miktuba. Jghid li ttiehdu fic-centru ta' detenzjoni f'Hal Safi fejn ftit granet wara kienu marru xi nies minn tal-Malta Red Cross fejn maghhom kien hemm traduttur li kien jitkellem bil-Franciz. Maghhom kien hemm wahda certa Solange li kienet titkellem bil-Francis fejn infurmathom li kienu ser jaghmlu intervista mal-awtoritajiet sabiex jigu evalwati ghal azil. Wara l-intervista gie nfurmat permezz ta' ittra li t-talba tieghu giet rigettata.

Isostni li dam erba' (4) xhur fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi sussegwentament gie trasferit fic-centru miftuh ta' Hal Far fejn ghal ewwel beda jahdem ma' Foster Clarks u wara biddel ix-xoghol sabiex ikollu kundizzjonijiet ahjar u beda jahdem ma' Maypole liema xoghol ghadu jaghmlu sallum. Jixhed li

f'Novembru, 2016 mar igedded id-dokument tal-Pulizija u l-*working permit* fejn gie nfurmat li kien hemm xi hadd li jrid ikellmu. L-Ispettur Buhagiar ghamilhom fi gruppi ta' tnejn u spjegalhom li l-Mali u Malta kienu dahlu fi ftehim u fejn huma kienu ser jergghu jintbghatu lura lejn pajjizhom. Jghid li huwa gie trasferit fic-centru ta' Hal Safi. Tlett ijiem wara marru mill-JRS fejn spjegawlhom certu affarijiet.

Jixhed li f'Dicembru 2016 mar grupp ta' nies mill-Mali fejn ghamlulhom intervisti. Fl-istess xahar habib tieghu qabdu ma' Avukat privat sabiex jinghata ghajnuna liema avukat kellmu tramite t-*telephone* fejn saqsih diversi domandi. L-ghada tal-Milied l-Avukat Gianluca Cappitta mar izuru u nfurmah li kien fetah kawza f'ismu u f'isem il-persuni l-ohra li kienu ghadhom taht detenzjoni. L-attur dam fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi sal-14 ta' Frar, 2017 u wara rega' mar jahdem ma Mafimex Limited.

**6. Wali Traore – Police number 15A-027** (affidavit tar-rikorrent a fol. 117 sa fol. 120 tal-process):

Jixhed li wasal Malta f'Jannar 2015 permezz ta' dghajsa flimkien ma' mija u ghoxrin (120) persuna ohra. Il-vjagg dam disat (9) ijiem u waqt il-vjagg tmien (8) persuni tilfu hajjithom. Mal-wasla taghhom Malta nghata brazzuletta bin-numru 15A-027 u gew invistati mit-tobba. Minn hemm huma ttiehdu c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi. Wara tlett ijiem marru nies jkellmuhom minn tal-JRS fejn tawhom fuljett b'dettalji fejn huwa ma setax jifimha pero' gie lilhom spjegat bil-lingwa Ingliza. Jghid li huwa ma setax jifhem kollox peress l-Ingliz ma huwiex lingwa li huwa tghallem pero' seta' jifhem xi kelma. Wara cirka xahar ghamel intervista ghall-azil. Fl-intervista kien hemm traduttur li kien qieghed jittraduci dak li kont qed nghid jiena. Kemm l-

applikazzjoni kif ukoll l-appell ghal azil gie rifjutat. Fl-appell huwa ma attendiex ghall-ebda seduta.

Dam fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi ghal tlett xhur u nofs fejn mar-rilaxx huwa mar fil-centru miftuh ta' Hal Far sussegwentament huwa sab xoghol stabbli ma G. Borg Construction bhala *assistant*. Fic-centru miftuh ta' Hal Far ghamel kuntatt ma' grupp ta' nies li kienu jorganizzaw attivitajiet socjali fosthom football etc. Jghid li f'Novembru, 2016 meta mar igedded l-permess tal-Pulizija u l-*working permit* hadu d-dokumenti tieghu u tawh appuntament iehor sabiex jigbor id-dokumenti. Fil-gurnata li huwa kellu jmur sabiex jigbor id-dokumenti gie nfurmat li kien sejjer f'detenzjoni sakemm delegazzjoni mill-Mali tasal Malta u dana peress li kienu ser jigu ripatrijati lura f'Mali.

Ikompli jghid li wara gimgha li kien ilu fid-detenzjoni mar avukat tal-gvern fejn ghamillu diversi domandi. Jghid li huwa ma giex moghti karti u lanqas gie moghti d-dritt li jista jkellem avukat jew li jista jikkontesta l-arrest. Jghid li kienet marret izzuru habiba tieghu wahda certa Kelly Schelble li haditlu flokk, ktieb b'ritratti kif ukoll xi cikkulata. Kemm ir-ritratti kif ukoll ic-cikkulata ma giex awtorizzat li jehodhom. Jghid li xi zmien wara gew grupp mill-Mali. Jghid li l-kundizzjoni fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi kienet wahda hazina hafna. F'Dicembru, 2016 habib tieghu mill-Mali li ma kienx arrestat qabdu ma' Avukat privat sabiex jinghata ghajnuna liema avukat kellmu tramite t-*telephone* fejn saqsih diversi domandi. L-ghada tal-Milied l-Avukat Gianluca Cappitta mar izuru u nfurmah li kien fetah kawza f'ismu u f'isem il-persuni l-ohra li kien ghadhom taht detenzjoni. L-attur dam fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi sal-14 ta' Frar, 2017. Jishaq li meta hareg huwa tilef il-post tax-xoghol li kellu mal-kumpanija ta' kostruzzjoni u fejn sab xoghol imhallas bit-€2.50 fis-siegha

minghajr *working permit*. Sussegwentament huwa sab xoghol fil-Palace Hotel fejn ghadu sallum jahdem bhala *waiter*.

**Issa Yalcouye (originarjament indikat bl-istem ta' Issa Jaruke) – Police number 15A-053** (affidavit tar-rikorrent a fol. 275 sa fol. 276 tal-process):

Jixhed li wasal Malta nhar it-22 ta' Jannar, 2015 bil-uzu ta' dghajsa flimkien ma' madwar 120 persuna ohra u l-vjagg taghhom li telaq mill-Libja dam disat (9) ijiem. Madwar sitta u ghoxrin (26) persuna tilfu hajjithom fil-vjagg u fil-vjagg kien hemm kjass shih minhabba li kienu minghajr ikel u xorb u kien hemm nies mejta. Meta wasal Malta huwa kien f'kundizzjoni ta' sahha hazina tant li nhareg minn fuq id-dghajsa bl-ghajnuna ta' nies li huwa jirrikonoxxi li kienu tar-Red Cross. Jghid li ghamlulhom il-manetti u tawh brazzuletta bir-referenza 15A-053 fejn sussegwentement ittiehdu fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi. Waqt li kienu fid-detenzjoni persuni mill-organizazzjoni tal-JRS marru jkellmuhom u spjegawlhom x'inhi l-procedura sabiex japplikaw ghall-azil. L-applikazzjoni ghall-azil giet rigettata u appella.

F'Mejju 2015 gie rilaxxjat mic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u mar jirrisjedi gewwa c-centru miftuh ta' Hal Far. Ghalkemm huwa prova jsib xoghol jew kors (peress li meta telaq minn Mali huwa kien ghadu student) dan ma kienx possibli. Kien jaghmel xi xoghlijiet fejn gieli kien jithallas u gieli le u dam f'din il-posizzjoni ghal madwar sena u nofs.

F'Novembru, 2016 mar sabiex igedded il-permessi fejn qal li hadulu d-dokument u tawh appuntament iehor sabiex jigbor id-dokument. Meta mar ghat-tieni appuntament gie nfurmat li l-Ispettur Buhagiar ried ikellmu u dan infurmah li l-Gvern tal-Mali

kien ser jirripatrihom lura. Jghid li ghalkemm informa lill-Ispettur Buhagiar li huwa kellu l-appell ghall-azil pendenti, nfurmah li dik ma kinitx problema tieghu. Gie infurmat li delegazzjoni mill-Mali kienet gejja Malta u li sa dakinhar li tigi huwa kien ser ikun detenut f'centru ta' detenzjoni li kien ser jiehu xi gimgha. Jghid li huwa ma nghata l-ebda dokumenti u lanqas ma nghata d-dritt li jkellem avukat jew li jista jikkontesta l-arrest tieghu.

Izid li fl-ewwel gimgha li kien fic-centru ta' detenzjoni marret tkellimhom avukat fejn staqsiethom ir-raguni l-ghala kienu qeghdin jigu detenuti u jekk inghatawx xi dokumenti li jiggustifikaw l-arrest taghhom. Marru wkoll nies mill-JRS kif ukoll mill-ghaqda AWAS fejn ghamlulhom ukoll xi domandi. Wara ftit taz-zmien gew xi nies mill-Mali. F'Dicembru, 2016 habib tieghu mill-Mali li ma kienx arrestat qabdu ma' Avukat privat sabiex jinghata ghajnuna liema avukat kellmu permezz tat-*telephone* fejn saqsih diversi domandi. L-ghada tal-Milied l-Avukat Gianluca Cappitta mar izuru u nfurmah li kien fetah kawza f'ismu u f'isem il-persuni l-ohra li kienu ghadhom taht detenzjoni. B'ghajnuna tal-avukat tieghu sab xoghol u jghid li ghadu jaghmel dak ix-xoghol. Peress li huwa ghandu xoghol beda jikri u joqghod f'appartament.

**8. Sangare Ngnama (originarjament indikat bl-istem Mama Sangare) – Police number 15A-074:**

Mill-atti ma jirrizultax li dan ir-rikorrent xehed jew ghamel affidavit fil-proceduri.

**9. Kounate Salya (originarjament indikat bhala Selia Konate) – Police number 11D-065:**

Mill-atti ma jirrizultax li dan ir-rikorrent xehed jew ghamel affidavit fil-proceduri.

**Ikkunsidrat;**

Illi jirrizulta li l-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet mqajjma mill-intimat gew decizi u ghalhekk huma sorvolati. In vista tal-korrezzjoni fir-raba' talba izda giet intavolata risposta ulterjuri a fol. 28 tal-process.

**It-tieni eccezzjoni:**

Illi permezz ta' din l-eccezzjoni mressqa preliminarjament ir-rikorrenti eccepew in-nuqqas ta' applikabilita' tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea u dan ai termini ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 51 tal-istess Karta. Fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar, 2017 (a fol. 36 u fol. 37 tal-process) il-Qorti qieset li din l-eccezzjoni ghandha tinstema' flimkien mal-mertu.

Illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fl-Artikolu 51 tistabbilixxi li tapplika biss meta l-ilment jirrigwarda t-thaddim ta' ligi tal-Unjoni. L-artikolu qieghed jigi kkwotat ghal ahjar intendiment fejn jghid is-segwenti:

> '1. The provisions of this Charter are addressed to the institutions and bodies of the Union with due regard for the principle of subsidiarity and to the Member States only when they are implementing Union law. They shall therefore respect the rights, observe the principles and promote the application thereof in accordance with their respective powers.

> 2. This Charter does not establish any new power or task for the Community or the Union, or modify powers and tasks defined by the Treaties.'

Il-Qorti rat is-sottomissjonijiet tal-intimat dwar dan il-punt. Ir-rikorrenti fin-nota taghhom mkien ma dahlu f'analizi ta' din l-eccezzjoni.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Robert Pfleger, Autoart as, Mladen Vucicevic, Maroxx Software GmbH, Hans-Jorg Zehetner -vs- Austria** deciza mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea nhar it-30 ta' April, 2014 fejn inghad illi:

> 'It should be recalled in this respect that the Charter's field of application so far as concerns action of the Member States is defined in Article 51(1) of the Charter, according to which its provisions are addressed to the Member States only when they are implementing EU law (Case C 617/10 Åkerberg Fransson EU:C:2013:105, paragraph 17).'

Fil-kawza odjerna r-rikorrenti apparti li qed jilmentaw minn ksur tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jilmentaw fit-tieni, t-tielet u r-raba' talba taghhom minn ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Partikolarment fir-raba' talba jilmentaw minn ksur tal-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif abbinata mad-direttiva 2008/115/EC tal-Parlament Ewropew li titratta dwar '*common standards and procedures in Member States for returning illegally staying third-country nationals*'.

Jirrizulta izda li fit-tieni (2) talba u fit-tielet (3) talba tal-atturi l-

ilment taghhom ma jirrigwardax l-applikazzjoni tal-Karta tad-drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif applikata mill-istat membru ma' xi regolament jew direttiva ohra tal-Unjoni Ewropea izda hija ntiza bhala talba ghall-ksur tal-istess Karta direttament minghajr ebda referenza ghal xi ligi derivanti mill-Unjoni Ewropea.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti taqbel *in parte* mal-eccezzjoni tal-intimat ghal dak li huwa t-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet rikorrenti u dan stante li f'dawn it-talbiet ir-rikorrenti mhux jilmentaw minn ksur tal-Karta kif abbinata ma' 'ligi' ohra tal-Unjoni Ewropea. Ix-xenarju izda huwa differenti fir-rigward tar-raba' talba (minghajr pregudizzju ghall-mertu) stante li l-ilment tal-atturi taht ir-raba' talba mhux ibbazat unikament fuq il-ksur tal-Artikoli 1 u 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea izda kif dan qed jinghata applikazzjoni permezz tad-direttiva 2008/115/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mill-istat membru f'dan il-kaz Malta ghall-kaz partikolari tar-rikorrenti odjerni.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimat limitatament fir-rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) talba filwaqt li tichad l-istess fir-rigward tar-raba' (4) talba.

**It-tieni talba u s-sitt eccezzjoni:**

F'din l-eccezzjoni l-intimat isostni li ma jissussisti ebda ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Isostni li d-detenzjoni tar-rikorrenti tinkwadra ruhha perfettament taht il-paragrafu (f) tal-Artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni b'dana li tali detenzjoni sehhet stante l-proceduri ta' deportazzjoni li f'dak il-mument kienu qed jittiehdu in konfront tar-rikorrenti.

Jirrizulta mir-rikors promotur intavolat fit-23 ta' Dicembru, 2016 kif ukoll minn qari tat-tieni talba tar-rikorrenti li principalment ir-rikorrenti qed jilmentaw mid-detenzjoni li sehhet nhar l-14 ta' Novembru, 2016 u li kienet ghadha qed tippersisti sa dakinhar li giet intavolata l-kawza. Fil-mori tas-smigh tal-kawza precizament nhar l-14 ta' Frar, 2017 gew rilaxxati stante li fi kliem l-Assistent Kummissarju Neville Xuereb:

'l-ghaxra baqghu in detenzjoni sa l-14 ta' Frar 2017 ghax imbaghad fl-14 ta' Frar meta rajna li nonostante li konna qed naghmlu hafna talbiet u not verbal lill-Ambaxxata tal-Mali bqajna minghajr risposta, u anke l-Ambaxxata taghna go Tunez kienu qed icemplu lill-Ambaxxata tal-Mali u ma kienux qed ituhom risposta, fl-opinjoni taghna ma kienx ghad hemm prospett ta' ritorn u irrilaxxajnihom'. (Fol. 318)

Ghalhekk finalment dan huwa l-perjodu ta' detenzjoni li r-rikorrenti qed jilmentaw minnu cioe' mill-14 ta' Novembru, 2016 sal-14 ta' Frar, 2017.

Ghall-iskop tal-kaz tar-rikorrenti, l-parti l-aktar rilevanti tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huwa s-subartikolu (1) illi jipprovdi s-segwenti:

> '(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna.
>
> Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:
>
> (a) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;

(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta′ persuna għal nuqqas ta′ tħaris ta′ ordni skont il-liġi ta′ qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta′ xi obbligu preskritt mil-liġi;

(ċ) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta′ persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;

(d) id-detenzjoni ta′ minuri b′ordni skont il-liġi għall-iskop ta′ sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tiegħu skont il-liġi sabiex jiġi miġjub quddiem l-awtorità legali kompetenti;

(e) id-detenzjoni skont il-liġi ta′ persuni biex jiġi evitat it-tixrid ta′ mard infettiv, ta′ persuni mhux f′sensihom, addetti għall-alkohol jew għad-drogi jew vagabondi;

(f) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta′ persuna biex jiġi evitat li tidħol mingħajr awtorità fil-pajjiż jew ta′persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad deportazzjoni jew għall-estradizzjoni.′

L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa ntiz sabiex ihares lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Jistipula li kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta′ u ghas-sigurta′ tal-persuna tieghu u li hadd m′ghandu jigi pprivat mil-liberta′ tieghu jekk mhux skont il-ligi u mal-ghan tal-Artikolu 5. L-artikolu 5 jaghmel eccezzjonijiet ghal din ir-regola u jaghti lista ezawrenti tal-kazijiet li fihom il-liberta′ ta′ persuna tista titnehha.

Il-konvenuti fis-sitt eccezzjoni taghhom qeghdin jinvokaw specifikatament il-paragrafu (f) tal-Artikolu 5 sub-artikolu (1) tal-Konvenzjoni Ewropea bhala r-raguni li ghaliha tnehhiet il-liberta' tar-rikorrenti. Hu preskritt fil-paragrafu (f) tal-Artikolu 5 sub-artikolu 1 illi d-detenzjoni hija skont il-ligi meta ssir sabiex jigi evitat li tidhol persuna f'Malta minghajr permess jew meta tkun qed issir kawza kontra persuna ghad-deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni.

Issa, fil-kaz prezenti jirrizulta li d-detenzjoni tal-14 ta' Novembru, 2016 saret peress li kienet gejja delegazzjoni mill-Mali, liema delegazzjoni skont kif indikat lill-awtoritaijiet Maltin mir-rapprezentanti tal-Frontex kellha l-mansjoni li tiddentifika lill-immigranti projbiti u sussegwentament tohrog id-dokumenti appoziti sabiex sussegwentement jigu ripatrijati f'pajjizhom u cioe' fil-Mali. Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-vesti tieghu ta' Ufficjali Principali tal-Immigrazzjoni rcieva taghrif mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (ara deposizzjoni tal-Ispettur Mario Haber a fol. 38 sa fol. 50 tal-process) li kienet ser tigi d-delegazzjoni biex tiddentifika l-immigranti mill-Mali u kien ghalhekk li gie deciz li jsir l-arrest taghhom fejn dawn tpoggew fic-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi. Irrizulta fil-fatt mix-xiehda li sar arrangament sabiex l-immigranti kollha mill-Mali jinghataw data specifika dik tal-14 ta' Novembru, 2016 sabiex lkoll jirraportaw il-kwartieri tal-Pulizija bir-raguni li naghtaw kienet sabiex jigu mgedda d-dokumentazzjoni taghhom izda dakinhar flok giet imgedda d-dokumentazzjoni huma gew arrestati pendenti li tasal id-delazzjoni mill-Mali. L-Ispettur Darren Buhagiar fid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Novembru, 2017 (a fol. 277 sa fol. 282 tal-process) jixhed kif isegwi:

*'Dr Jason Grima :*
Tghidilna ftit ghalfejn gew ri-arrestati?
*Xhud :*
Sa fejn naf jien irrispondejta din il-mistoqsija. Mela dawn gew ri-arrestati ghal skop biex jigu identifikati peress li konna nafu li kellha tigi delegazzjoni minn Mali li kienet din kordinata mill-Frontex.
…
*Dr Jason Grima :*
U b'liema awtorita' imbaghad ergajt arrestajthom?
*Xhud :*
Iddiskutejt mas-superjur tieghi ma' dak iz-zmien kien is-Supretendent Neville Xuereb illum Assistent Kummissarju fejn iddecidejna li biex id-delegazzjoni tkun tista' tigi hawnhekk u tintervista li dawn in-nies kellna naghmlu xi haga u iddecidejna li naghmlu dan ir-ri-arrest.
*Dr Jason Grima :*
Imma abbazi ta' fuq liema dokument jew kienet decizjoni ta' dak il-hin?
*Xhud :*
Le ma kinetx ta' dak il-hin; ftehmna minn qabel biex f'dik it-tali gurnata jigu arrestati u jigu mitkellma, jigu mgharrfin ghal xiex ha jigu ri-arrestati u jintbghatu d-detention.'

In kontro-ezami l-Assistent Kummissarju Neville Xuereb fis-seduta ta' nhar is-7 ta' Frar, 2019 (a fol. 350 sa fol. 353 tal-process) ikkonferma li l-immigranti pprojbiti gew ri-arrest ati minhabba skop ta' identifikazzjoni. Qal illi:

*'Ix-Xhud :*
L-immigranti kollha li gew arrestati minhabba skop ta' identifikazzjoni delegazzjoni tal-Mali kienu kollha soggetti

…'.

L-Ispettur Buhagiar xehed li l-procedura li ttiehdet kienet billi inghatat data lill-persuni koncernati sabiex igeddu l-permessi u dakinhar ghamlu r-ri-arrest . Din il-Qorti tinnota li r-ri-arrest tar-rikorrenti sar fil-14 ta' Novembru, 2016 cirka tlett (3) gimghat qabel il-wasla tad-delegazzjoni li kien fl-4 ta' Dicembru, 2016.

Jirrizulta lil din il-Qori li din id-delegazzjoni l-iskop taghha kien li forsi tiddentifika li xi wiehed minn dawk arrestati u suppost kellha tipprovdi d-dokumentazzjoni sabiex min jigi iddentifikat jigi ripatrijat. Il-Qorti izda trid bilfors tidhol f'analizi dwar jekk il-prospettiva li jigi identifikat xi hadd minn dawk li gew ri-arrest ati u possibilment rimpatrijat tikkwalifikax bhala:

> 'arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna biex jiġi evitat li tidħol mingħajr awtorità fil-pajjiż jew ta'persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad deportazzjoni jew għall-estradizzjoni.'

Fil-kaz tar-rikorrenti odjerni jirrizulta li huma lkoll gia kienu gew arrestati u mizmuma taht detenzjoni fil-mument li dahlu f'Malta. Lil kull wiehed u wahda minnhom inhargilhom 'removal order'. Ghamlu zmien detenuti uhud minnhom sahansitra ghamlu l-massimu ta' tmintax-il xahar kif impost mil-ligi u lkoll izda f'xi mument gew rilaxxati. L-intimati jsostnu li r-ri-arrest taghhom kien permissibbli stante li r-'removal order' kien ghadu vigenti sal-mument li regghu gew arrestati. Il-Qorti tqis izda li certament ma jistax jinghad li l-awtoritajiet kienu qed iwettqu r-ri-arrest tar-rikorrenti sabiex jevitaw li dawn jidhlu minghajr awtorita' f'Malta stante li jirrizulta li dawn kienu ilhom f'Malta anki jghixu liberament min mis-sena 2008 u l-aktar wiehed rcenti sa mis-sena 2015.

Ghalhekk din il-Qorti jibqala biss il-possibilta′ legali l-ohra u cioe′ jekk il-persuni in kwistjoni gewx detenuti ghaliex kontra taghhom kienet qed issir kawza ghad-deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni. Mill-atti mkien ma jirrizulta li fil-mument li gew arrestati r-rikorrenti kienet qed issir kawza ghad-deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni taghhom. Se mai jista′ jigi kkunsidrat li kien qed isir tentattiv ta identifikazzjoni sabiex tinbeda l-kawza ghad-deportazzjoni wara li dawn possibilment jigu identifikati mill-awtoritajiet tal-Mali. Certament ghalhekk id-detenzjoni taghhom bejn l-14 ta′ Novembru, 2016 sal-4 ta′ Dicembru, 2016 meta dawn gew mitkellma mid-delazzjoni ma tistax titqies li kienet skuzabbli taht l-artikolu 5 (f) tal-Konvenzjoni. Il-Qorti wkoll ma tqisx li l-iskuza tal-Awtoritajiet li kieku ma arrestawhomx dawn ma kienux ser jipprezentaw ruhhom sabiex jigu nterrogati bhal gustifikabbli. Jirrizulta li nhar l-14 ta′ Novembru, 2016 iprezentat ruhha 33 persuna ghax kien minghaliha li ser jigu mgedda d-dokumenti. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn dawn ma setghux inghataw gurnata ohra aktar vicin id-data li kellha tigi d-delegazzjoni sabiex jergghu jigu mgedda d-dokumentazzjoni u la darba dawn gia kienu prezentaw ruhhom l-Qorti ma ghandhiex dubju li hekk kienu jergghu jaghmlu sabiex ikunu certi li jibqghu bil-karti in regola. Dan qed jinghad ukoll in vista tal-ammissjoni tal-Awtoritajiet li qabel sar ir-ri-arrest sahansitra l-Awtoritajiet ma ghamlu l-ebda analizi tal-kazijiet rispettivi ta′ kull persuna ri-arrestata sabiex jigi identifikat jekk l-istess kienux gia servew il-perjodu massimu ta′ detenzjoni permissibbli fil-ligi u cioe′ dak ta′ tmintax-il (18) xahar. Fil-fatt mill-affidavit esebiti fl-atti jirrizulta lill-Qorti li mill-anqas tnejn mir-rikorrenti a bazi tax-xiehda taghhom gia kienu damu detenuti l-massimu ta′ tmintax-il (18) xahar. Il-fatt li l-Awtoritajiet lanqas biss ppruvaw jaghmlu dan l-ezercizzju qabel ma qabdu u arrestaw

lir-rikorrenti jrendi wkoll ir-ri-arrest taghom bhala wiehed abbuziv u mhux skont il-ligi.

Illi inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Aden Ahmed -vs- Malta**[1] dwar l-arbitrarjeta' tad-detenzjoni illi:

> 'compliance with national law is not, however, sufficient: Article 5§1 requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of protecting the individual from arbitrariness. It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5§1 and the notion of 'arbitrariness' in Article 5§1 extends beyond a lack of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and contrary to the Convention'.

Jirrizulta lill-Qorti izda li mal-wasla tad-delegazzjoni ghaxra minn dawk mizmuma in detenzjoni gew identifikati bhala cittadini tal-Mali u ghalhekk kien hemm il-possibilita' li dawn jigu ripatrijati la darba jinhargu lilhom id-dokumenti. Il-Qorti ghalhekk trid tidhol f'analizi dwar jekk minn dan il-punt id-detenzjoni saritx gustifikata. Il-Qorti izda tqis li la darba d-detenzjoni kienet tikser l-artikolu 5 (f) tal-Konvenzjoni sa minn meta din bdiet fl-14 ta' Novembru, 2016 allura ma jistax leglament stat ta' fatt li kien illegali sa mill-bidu jigu regolarizzat u meqjus li sar legali unikament ghaliex fil-frattempt sehhet l-identifikazzjoni. Fuq kollox fl-atti din il-Qorti ma ghandha l-ebda prova tangibbli fl-atti li turiha li verament kienu r-rikorrenti li gew identifikati mid-delegazzjoni msemmija. Il-Qorti ghalhekk tqis li d-detenzjoni baqghet wahda illegali anki wara l-allegata identifikazzjoni.

---

[1] Q.E.D.B. 23.7.2013; Applik. Nru. 55352/12 § 141

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti tqis li d-detenzjoni tar-rikorrenti li sehhet bejn il-perijodu tal-14 ta' Novembru, 2016 u l-14 ta' Frar, 2017 kienet wahda bi ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk filwaqt li ser tghaddi sabiex tichad is-sitt eccezzjoni tal-intimat ser tghaddi sabiex tilqa' t-tieni talba attrici ghal dak li hi ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem filwaqt li tichadha ghal dik li hija l-allegat ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

**It-tielet talba u s-seba' eccezzjoni:**

Ir-rikorrenti fit-tielet talba taghhom jargumentaw illi d-detenzjoni ma kinitx wahda valida ghaliex ibbazata fuq decizjoni ta' ritorn abbuziva u ma nghatawx rimedju effettiv sabiex jikkontestaw il-validita' ta' tali decizjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Kif gia inghad din il-Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni tal-intimat fir-rigward tal-Artikolu 47 tal-karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ghalhekk jehtieg li din it-talba tigi kkunsidrata biss fit-termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Dwar dan il-punt l-intimat jeccepixxi li mhux minnu li r-rikorrenti m'ghandhomx rimedju taht il-ligi domestika. Skont l-intimat l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata rimedju, l-importanti huwa li jinghata rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali. Dejjem skont l-intimat il-Kapitolu 217 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 217.12 huma rimedju adegwat li tahseb ghalih il-ligi ordinarja u jzid ukoll li sahansitra r-rikorrenti ghandhom rimedju quddiem il-

Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha kif appuntu ghamlu permezz tal-kawza odjerna u li ghalhekk skont l-intimat huwa rimedju effettiv iehor.

L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra kif isegwi:

> 'Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.'

Jirrizulta mill-atti li ghandha ssir distinzjoni bejn ordni ta' tnehhija – 'removal order' - u decizjoni ta' ritorn – 'return decision'. Hemm qbil bejn il-partijiet li fil-mument li r-rikorrenti rispettivament waslu fil-Gzejjer Maltin ma kienx ghadu mpost mil-ligi li apparti 'removal order' ir-rikorrrenti kellhom jinghataw ukoll 'return decision'.

Fil-kaz prezenti kif jirrizulta mill-atti, r-rikorrenti dahlu Malta bejn is-snin 2008 u Jannar, 2015. Il-kuncett ta' Decizjoni ta' Ritorn dahlet fis-sehh bl-Att XXXVI tal-2015 liema att gie ppublikat fl-4 ta' Dicembru, 2015. Ghalhekk jirrizulta lill-Qorti li mal-mument li r-rikorrenti dahlu fil-Gzejjer Maltin il-ligi Maltija ma kinitx timponi l-obbligu li l-persuna tinghata wkoll decizjoni ta' ritorn bil-miktub flimkien mal-ordni ta' tnehhija.

Jirrizulta izda li r-rikorrenti gew ri-arrestati nhar l-14 ta' Novembru, 2016 fejn ittiehdu fic-Centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi. Skont id-diversi Spetturi u l-Assistent Kummissarju Neville Xuereb li xehedu fl-atti huma qiesu li ma kellhomx legalment obbligu li jinnotifikaw lir-rikorrenti b'decizjoni ta' ritorn stante li l-ordni ta' tnehhija kien inhareg lihom qabel dahlet fis-sehh il-ligi.

Jirrizulta izda lill-Qorti mill-atti li fil-mument li gew ri-arrestati r-rikorrenti inghataw ezatt l-istess trattament daqs li kieku kienu dahlu fil-pajjiz bhala immigrant illegali ghall-ewwel darba tant li regghu gew detenuti ghal perjodu mhux qasir. Bid-differenza izda li filwaqt li fl-ewwel detenzjoni huma naghtaw almenu ordni ta' tnehhija bil-miktub u kellhom id-dritt li jappellaw (almenu inghataw karti f'dan is-sens) u kellhom xi haga fuq xiex jagixxu, mar-ri-arrest taghhom huma ma nghataw xejn bil-miktub b'dana li difficilment wiehed seta' jifhem ghalfejn gew ri-arreastati. Fil-fatt bosta mir-rikorrenti jixhdu li kien hemm persuni li marru jkellmuhom fid-'detention centre' jistaqsuhom ghalfejn kienu gew arrestati izda n-nuqqas ta' xi dokument ghamilha ferm difficli li r-rikorrenti jkunu jafu xi drittijiet kellhom mal-mument li gew arrestati. Huwa wkoll inkontestat li mal-arrest taghhom ir-rikorrenti lanqas inghataw access adegwat f'hin propizju ghall-assistenza legali tant li jirrizulta mill-atti li l-Avukat li tqabbad minn terzi buona volonta tat-terzi sabiex jirraprezentahom inghata access ghar-rikorrenti tmint ijiem wara li huwa ssottometta t-talba biex ikellimhom. Dan kollu gie kkonfermat minn Jean Paul Borg li xehed bil-procedura tal-affidavit (a fol. 178 tal-process) minn Kelly Schelble li wkoll xehdet bil-procedura tal-affidavit (a fol. 106 sa fol. 116 tal-process) kif ukoll minn Dr Gianluca Cappitta li xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit (a fol. 271 sa fol. 274 tal-process). Jirrizulta mill-kopja tal-emails skambjata bejn l-Avukat Dr Gianluca Cappitta u C-CMRU ipprezentati mir-rikorrenti permezz tan-nota ntavolata nhar it-8 ta' Frar, 2018 li sabiex huwa seta jaghmel laqgha mal-klienti tieghu kellu jistenna mill-14 ta' Dicembru, 2016 sat-22 ta' Dicembru, 2016 sabiex it-talba tieghu giet approvata (ara emails a fol. 286 sa fol. 288 tal-process).

Tqis illi l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa generiku u

ma jistipulax xi rimedji effettivi ghandhom ikunu disponibbli. Kull ma jghid huwa '…għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali.' Il-Qorti setghet tinnota li l-procedura sabiex l-Avukat Dr Gianluca Cappitta kellem lil klijenti tieghu hadet kwazi tmient (8) ijiem. Jirrizulta izda li l-Avukat Dr Gianluca Cappitta malgrad li kien ikkomunika b'diffikulta mar-rikorrenti bl-uzu tat-telephone irnexxielu b'xi mod jistitwixxi l-kawza odjerna kif ukoll rikors b'urgenza bir-rikors numru 107/16/1. Il-Qorti qed tghid b'diffikulta' stante li jirrizulta li minn din il-komunikazzjoni hargu diversi zbalji sahansitra fl-ismijiet tar-rikorrenti u n-numri moghtija lilhom tant li kellu jsir rikors appozitu ghall-korrezzjoni.

Illi fl-eccezzjoni tieghu l-intimat issemmi li r-rimedji mahsuba fil-Kap. 217 u l-legislazzjoni sussidjarja 217.12 u cioe' d-dritt ta' appell mill-hrug tal-ordni ta' tnehhija u llum il-gurnata mid-decizjoni ta' ritorn fi zmien tlett ijiem ghandu jitqies bhala rimedju effettiv. Fil-kaz odjern id-decizjoni li l-ordni ta' tnehhija kienet inghatat lir-rikorrenti bosta snin qabel u sahansitra wara li kienu nghataw l-istess dawn wara certu zmien partikolari ghal kull rikorrent gew rilaxxati. Fil-mument li gew ri-arrestati f'cirkostanzi kompletament diversi minn dawk li originarjament kienet inhargitilhom l-ordni ta' tnehhija u ghar-raguni li kien ser isir tentattiv ta' identifikazzjoni, r-rikorrenti ma regghux inghataw l-ebda dokument li fuqu setghu jintavolaw xi tip ta' appell u ghalhekk il-Qorti ma tistax tqis ir-rimedji mahsuba taht il-Kap. 217 u l-legislazzjoni sussidjarja bhala adegwati apparti l-fatt li kieku ghal grazzja tal-argument ir-rikorrenti setghu jappellaw jirrizulta li ma nghatawx access fil-hin ghall-avukat sabiex ikunu jistghu jaghmlu dan fit-terminu mpost mil-ligi.

Fis-sottomissjoni tieghu l-intimat isemmi wkoll ir-rimedju tal-

Habeas Corpus. Il-Qorti wkoll ma tistax tqis dan bhala rimedju effettiv meta jirrizulta li r-rikorrenti inghataw biss access ghal avukat gimghat shah wara li kienu gew arrestati.

Finalment l-intimat isostni li l-proceduri odjerni ghandhom jigu kkunsidrati bhala r-rimedju effettiv taht il-ligi domestika sabiex ir-rikorrenti jikkontestaw id-detenzjoni taghhom. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-intimat fejn qed isostni li persuna detenuta ghandha tasal sal-punt li tiftah procedura kostituzzjonali sabiex id-detenzjoni taghha b'xi mod tigi dikjarata invalida. Jirrizulta lil din il-Qorti li effettivament ir-rikorrenti fil-mument li gew ri-arrestati ma kellhom l-ebda possibilita' fil-ligi Maltija li jikkontestaw il-validita' tal-arrest taghhom ghajr li jifthu l-kaz kostituzzjonali odjern. Rimedju effettiv ghandu jkun rimedju li permezz tieghu il-persuna li giet arrestata jinghata mill-ewwel id-drittijiet tieghu, jinghata access immedjat ghall-assistenza ta' Avukat u jkun jista' jintavola procedura apposita sabiex jattakka d-decizjoni li jerga' jigi arrestat u mhux bilfors irid jipprova ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu fl-istess. F'dan il-kaz jirrizulta li ma tezistix fil-ligi Maltija procedura apposita sabiex immigrant illegali li jkun gie rilaxxat u jerga jigi arrestat minghajr ma jinghata dokument bil-miktub ghar-raguni tar-ri-arrest tieghu, b'mod immedjat jew almenu fi zmien qasir, jkun jista' jikkontesta l-validita' tal-istess. Tant hu hekk li fil-kaz odjern kellu jkun Avukat terz li jiehu inizjattiva tista' tghid wahdu stante n-nuqqas ta' koperazzjoni mill-awtoritajiet, li jintavola l-kaz kostituzzjonali odjern bl-isperanza li r-rikorrenti ma jibqghux arrestati.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad is-seba' eccezzjoni tal-intimat u tilqa' t-tielet talba attrici ghal dak li hu ksur tal-Artikolu tlettax (13) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**It-tmien eccezzjoni:**

Illi dwar din l-eccezzjoni l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-atti odjerni moghtija nhar it-23 ta' Frar, 2016 fejn permezz taghha u in linea preliminari l-Qorti gia laqghet it-tielet eccezzjoni tal-intimat dwar l-inapplikabilita' tal-Konvenzjoni ta' Ginevra tal-1951 dwar ir-Rifugjati fil-kaz odjern. L-istess argumenti mqajjma minn dik il-Qorti japplikaw ghat-tmien eccezzjoni u ghalhekk il-Qorti filwaqt li taghmel taghha l-argumentazjoni tal-Qorti fid-decizjoni preliminari tghaddi sabiex tilqa' t-tmien eccezzjoni tal-intimat. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak espost fl-imsemmija sentenza din il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni.

**Ir-raba' talba, d-disa' eccezzjoni u r-risposta ulterjuri:**

Illi l-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jitratta d-dinjita` tal-bniedem filwaqt li l-Artikolu 7 jitratta r-rispett ghall-hajja privata u tal-familja u jaqraw kif isegwi:

Artikolu 1

> 'Id-dinjità tal-bniedem hija invjolabbli. Hija għandha tkun irrispettata u protetta.'

Artikolu 7

> 'Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-kommunikazzjonijiet tagħha.'

L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra kif isegwi:

> ‘(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta’ daru u tal-korrispondenza tiegħu.
>
> (2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta’ dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f’soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta’ delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta’ ħaddieħor.’

Illi t-tifsira ta’ ‘hajja privata’ moghtija fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni hija wahda wiesgha li tghodd fiha l-aspetti tal-hajja fizika u socjali tal-persuna. **Harris, O'Boye & Warbrick** fil-ktieb taghhom **Law of the Convention on Human Rights** (3rd Ed. p 525.) dwar dan qalu s-segwenti:

> ‘Thus from the beginning the Court eschewed a narrow approach which would limit private life to notions of privacy and protection from publicity, in favour of a broader approach which emphasised the ability to live one's life without arbitrary disruption of interference.’

Fil-kaz **Christine Goodwin -vs- UK** (28957/95 Q.E.D.B. (GC) 2002-VI, 35 EHRR, 447 GC) nghata tifsira lill-‘personal autonomy’, kuncett importanti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea fejn inghad illi:

> ‘Under Article 8 of the Convention in particular, where the notion of personal autonomy is an important principle

underlying the interpretation of its guarantees, protection is given to the personal sphere of each individual, including the right to establish details of their identity as individual human beings (see, inter alia, Pretty v. the United Kingdom, no. 2346/02, judgment of 29 April 2002, § 62, and Mikulić v. Croatia, no. 53176/99, judgment of 7 February 2002, § 53, both to be published in ECHR 2002- ...).'

Fid-decizjoni **Marcks -vs- Belgium** (A31 (1979); 2EHRR 330 PC) gie deciz li l-fatt wahdu li jezisti tali ndhil mhuwiex raguni ta' ksur tal-jedd imhares fl-artikolu 8 ghaliex fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 jaghmel eccezzjonijiet dwar meta tali ndhil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd ghall-hajja privata jew tal-familja ta' dak li jkun. Inghad ukoll li minbarra dan, huwa stabilit ukoll li l-artikolu 8 jitfa' fuq l-Istat id-dmir ta' azzjoni pozittiva li jara li jkun hemm harsien tal-jedd mahsub fl-artikolu 8 b'mezzi effettivi sabiex dan il-harsien jigi attwat.

Fis-sentenza **Olsson -vs- Svezja** (Applik. Nru. 10465/83) § 62) inghad illi biex indhil bhal dak ikun 'skont il-ligi', jehtieg mhux biss li jsir taht is-sahha ta' xi ligi li tkun fis-sehh, imma wkoll li t-twettiq ta' kull ghemil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla razan jew uzata b'mod li hadd ma jista' jobsru (unforseeable).

Intqal ukoll mill-Qorti Ewropea fis-sentenza **Gillow -vs- Renju Unit** illi biex mizura ta' ndhil tkun titqies bhala wahda 'mehtiega f'socjeta' demokratika', jrid jintwera li kienet wahda mnissla minn htiega urgenti socjali li tkun proporzjonali mal-ghan mixtieq[2] u prevedibbli fit-thaddim taghha biex taghti c-certezza tad-dritt[3].

---

[2] Q.E.D.B. 24.11.1986 (Applik.Nru. 9063/80) §55.
[3] Q.E.D.B. 26.3.1987 Leander vs Svezja (Applik. Nru. 9248/81) §58.

Dwar l-mizura ta' indhil ikkomtemplat fl-Artikolu 8 fis-sentenza fl-ismijiet **Diana Abdilla -vs- Francesco Saverio sive Frank Mifsud u d-Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru, 2014 illi:

> 'Illi, biex miżura ta' ndħil tkun titqies bħala waħda "meħtieġa f'soċjeta' demokratika", jrid jintwera li kienet waħda mnissla minn ħtieġa urġenti soċjali li tkun proporzjonali mal-għan mixtieq u prevedibbli fit-tħaddim tagħha biex tagħti ċ-"ċertezza" tad-dritt. F'dan il-waqt ta' min isemmi li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-"rispett" li l-Istat għandu juri għall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan tfisser bħala obbligazzjoni passiva fuq l-istat biex ma jindaħalx bla bżonn jew b'mod eċċessiv f'dawk il-jeddijiet, bil-konsegwenza li mhux kull indħil huwa projbit sakemm ikun joqgħod mal-għanijiet maħsuba fl-artikolu 8(2) tal- Konvenzjoni u jkun indħil magħmul b'mod proporzjonat ma' dawk l- għanijiet. Kif ingħad "In determining whether the interference was "necessary in a democratic society", the Court refers to the principles established in its case-law. It has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify that interference were relevant and sufficient for the purposes of paragraph 2 of Article 8 (see, inter alia, T.P. and K.M. v. the United Kingdom [GC], no. 28945/95, § 70, ECHR 2001-V, and Sommerfeld v. Germany [GC], no. 31871/96, § 62, ECHR 2003-VIII). Undoubtedly, consideration of what lies in the best interests of the child is of crucial importance in every case of this kind; depending on their nature and seriousness, the child's best interests may override that of the parents (see Sommerfeld, cited above, § 66, and Görgülü v. Germany, no. 74969/01, § 43, 26 February 2004; and Ahrens,

cited above, § 63).

Illi huwa stabilit li, fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalita' taħt il- Konvenzjoni "inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system.[4]"'

**L-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jghid is-segwenti:**

34.(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin, jiġifieri –

(a) bħala konsegwenza tal-inkapaċità tiegħu li jwieġeb għal akkuża kriminali;

(b) fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni ta' qorti, sew Malta sew band'oħra dwar reat kriminali li tiegħu ikun ġie misjub ħati;

(ċ) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti li tikkundannah għal disprezz lejn dik il-qorti jew lejn qorti jew tribunal ieħor jew fl-esekuzzjoni tal-ordni tal-Kamra tad-Deputati li tikkundannah għal disprezz lejha stess jew lejn il-membri tagħha jew għal ksur ta' privileġġ;

[4] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4 th Edit, 2006), § 17.4.2, f'paġġ. 882 – 3

(d) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi;

(e) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti jew quddiem il-Kamra tad-Deputati fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' dik il-Kamra;

(f) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali;

(g) fil-każ ta' persuna li ma tkunx għalqet l-età ta' tmintax-il sena, għall-iskop tal-edukazzjoni u ġid tagħha;

(h) sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' marda infettiva jew kontaġġuża;

(i) fil-każ ta' persuna li tkun, jew tkun raġonevolment suspetta li tkun, ta' moħħ marid, mogħtija għan-narkotiċi jew xorb, jew vagabonda, għall-iskop tal-kura jew trattament tagħha jew protezzjoni tal-komunità; jew

(j) sabiex jiġi evitat id-dħul illeġittimu ta' dik il-persuna f'Malta, jew sabiex tiġi effettwata l-espulsjoni, l-estradizzjoni jew it-tneħħija leġittima oħra ta' dik il-persuna minn Malta jew it-teħid ta' proċeduri dwar hekk jew sabiex tiġi mrażżna dik il-persuna waqt li tkun qed tiġi mgħoddija minn Malta fil-kors tal-estradizzjoni jew tneħħija tagħha bħala priġunier misjub ħati minn pajjiż għal ieħor.

Ghalkemm fil-kaz prezenti l-atturi jaghmlu referenza ghall-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ebda referenza specifika ma ssir fit-talba taghhom ghal liema sub-artikolu qed jaghmlu

referenza partikolari ghalkemm il-Qorti tifhem li se mai il-kaz odjern ghandu jigi mistharreg taht is-sub-artikolu (j) tal-istess. L-istess jista jinghad b'referenza ghad-Direttiva 2008/115/EC tal-Parlament Ewropew fejn f'dan il-kaz fir-rikors ir-rikorrenti ma jindikaw l-ebda artikolu partikolari.

L-intimat fir-risposta ulterjuri tieghu jsosti li d-detenzjoni tar-rikorrenti tinkwadra perfettament taht l-eccezjoni 34 (j) tal-Kostituzzjoni u dan stante li d-detenzjoni saret sabiex tigi effettwata r-rimpatrijazzjoni lejn il-pajjiz ta' origini tar-rikorrenti. Isostni li l-istat tar-rikorrenti f'Malta mar-ri-arrest taghhom kien ta' immigranti ipprojbiti u dan stante li l-applikazzjoni li ghamlu r-rikorrenti sabiex jinghataw stat ta' ghazil giet michuda anki fi stajdu ta' appell. Jinsisti li r-rikorrenti ma kkontestawx l-ordni ta' tnehhija li nharget fil-konfront taghhom kif ukoll qatt ma ottjenew permess ta' residenza jew protezzjoni umana bir-rizultat li huma kunsidrati bhala persuni projbiti skont dak li jipprovdi l-Artikolu 5 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Da parti taghhom ir-rikorrenti f'dan ir-rigward jissottomettu kif isegwi:

1. Skont ir-rikorrenti meta inghataw ir-*removal order* dan kien jinhareg b'mod awtomatiku mill-ispetturi u jsostnu li sahansitra uhud mir-*removal orders* li jinsabu esebiti fl-atti tar-rikors annessi fol. 35 et seq ma jindikawx ir-raguni ghall-ordni b'referenza partikolari ghad-dokument esebiti a fol. 41 sa 45 u dan huwa kontra d-dettami tal-ligi.

2. In-nuqqas ta' possibilita' reali tar-rikorrenti li jappellaw mill-istess fi zmien tlett ijiem stante l-lingwa uzata fid-dokumentazzjoni moghtija u d-detenzjoni mmedjata taghhom.

3. L-invalidita' tar-ri-arrest taghhom in vista li ma nghatawx decizjoni ta' ritorn bil-miktub fil-mument li gew ri-arrestati (meta l-ligi gia kienet vigenti) stante li r-rikorrenti jinsistu, anki abbazi ta' gurisprudenza kwotata illi hija l-procedura applikabbli fil-mument li giet ezegwita d-detenzjoni li ghandha tapplika;

4. Illi l-awtoritajiet setghu uzaw mezzi anqas koersivi sabiex jassiguraw li d-delegazzjoni titkellem maghhom, misuri li ma jammontawx ghall-misura estrema tal-arrest.

5. L-indefinittivita' tad-detenzjoni tenut kont ukoll tal-perjodu ta' detenzjoni gia effettwat mir-rikorrenti qabel ma gew rilaxxjati precedentement.

Dwar uhud minn dawn l-ilmenti din il-Qorti gia esprimiet ruhha aktar-il fuq f'din id-decizjoni partikolarment taht l-analizi tat-tieni talba tar-rikorrenti. Il-Qorti taghmel taghha dik l-argumentazzjoni wkoll ai fini ta' din it-talba. Ghandu izda jinghad li dawn l-ilmenti fil-kuntest tar-raba' talba qed jitressqu ai termini ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali diversi minn dawk elenkati taht it-tieni talba.

Illi fil-kuntest tad-drittijiet fundamentali li ghalihom issir referenza fit-raba' talba l-Qorti tikkunsidra s-segwenti:

1. Fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti li meta inghataw ir-*removal order* dan kien jinhareg b'mod awtomatiku mill-ispetturi u jsostnu li sahansitra uhud mir-*removal orders* ma jindikawx ir-raguni ghall-ordni u wkoll l-allegat nuqqas ta' appell din il-Qorti tqis li r-rikorrenti deherilhom biss li ghandhom jattakkaw dan ir-*removal order* unikament malli gew ri-arrestati u mhux qabel. Skont il-ligi

huma kellhom dritt ta' appell fi zmien tlett (3) ijiem u mill-atti rrizulta li l-awtoritajiet kienu jaghmlu dak kollu possibbli sabiex jispjegaw lilhom id-drit tal-appell u aktar minn hekk anki terzi persuni fosthom NGO's kienu jattendu fic-centri u jispjegawlhom x'inhuma l-jeddijiet taghhom. Nonostante dan ir-rikorrenti f'dak iz-zmien ghazlu li ma jappellawx u l-Qorti ma tqisx li huwa legalment gjustifikat li dan l-ilment jitqajjem issa, diversi snin wara, semplicement ghaliex gara li r-rikorrenti gew ri-arrestati. Il-qorti ma ssibx vjolazzjoni tal-artikoli msemmija ghal din ir-raguni.

2. L-invalidita' tal-arrest taghhom in vista li ma nghatawx decizjoni ta' ritorn bil-miktub fil-mument li gew ri-arrestati (meta l-ligi gia kienet vigenti) stante li r-rikorrenti jinsistu, anki abbazi ta' gurisprudenza kwotata illi hija l-procedura applikabbli fil-mument li giet ezegwita d-detenzjoni li ghandha tapplika. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti dwar dan il-punt. Ma hemmx dubju li kieku mal-mument tar-ri-arrest ir-rikorrenti nghataw almenu d-'decizjoni ta' ritorn' bil-miktub kif tirrikjedi l-ligi bosta mill-proceduri odjerni ma kienx ikun hemm bzonnhom stante li kienu jiskattaw diversi jeddijiet tar-rikorrenti minghajr il-bzonn li wiehed jasal sar-rimedju kostituzzjonali. Ghalkemm huwa minnu li fil-mument li r-rikorrenti dahlu f'Malta ma kienx hemm il-bzonn fil-ligi li dawn jinghataw decizjoni ta' ritorn bil-miktub jirrizulta li dan l-obbligu dahal fis-sehh fl-4 ta' Dicembru, 2015 permezz tal-emenda fl-artikolu 14 (2) tal-Kap. 217 li sahansitra jemfasizza li persuna tista' tinzamm arrestata biss wara li tinghata tali decizjoni ta' ritorn u mhux biss 'removal order'. Il-ligi ma taghmel l-ebda eccezzjoni ghal dawk li kienu gew detenuti u nhargilhom biss 'removal order' qabel ma dahlet fis-sehh il-ligi. Fil-fatt l-istess Assistent Kummissarju Neville Xuereb jixhed li huma kienu jimxu ma' 'manual' mahrug mill-Unjoni Ewropea

dwar dan il-punt izda jammetti li mhux neccessarjament dan jirrifletti dak li tghid il-ligi (fol. 350 et seq).

3. Illi dwar l-ilment li l-awtoritajiet setghu uzaw mezzi anqas koersivi sabiex jassiguraw li d-delegazzjoni titkellem mar-rikorrenti, mizuri li ma jammontawx ghall-misura estrema tal-arrest l-Qorti wkoll tqis li r-rikorrenti ghandhom ragun dwar dan il-punt aktar u aktar in vista tal-bidla fil-ligi permezz tal-artikolu 14 (2) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta li r-rikorrenti gew ri-arrestati minghajr ma nghataw l-ebda tip ta' raguni bil-miktub ghaliex dan kien qed isehh, wisq anqas inghataw decizjoni ta' ritorn. Irrizulta wkoll li dawn gew ri-arrestati ghar-raguni li delegazzjoni mill-Mali kellha tigi tkellimhom, kif fil-fatt sehh xi tlett gimghat wara b'tentattiv li dawn jigu identifikati bhala cittadini tal-Mali u possibilment jigu rimpatrijati. Il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni li tqis li l-mizura li dawn jigu arrestati, meta kollha jirrizulta li kienu ntegraw sew fis-socjeta`, kienu jahdmu bil-ktieb, kienu jhallsu t-taxxi u wkoll kienu jattendu b'mod regolari sabiex igeddu l-karti tghhom, kienu mizura wisq estrema u mhux gustifikata fit-termini tal-htigijiet tas-socjeta in generali ghall-ghan intiz li dawn jigu mitkellma mid-delegazzjoni. Dan kif anki gia esprimiet ruhha l-Qorti aktar il-fuq f'din id-decizjoni. L-azzjoni tal-intimat wasslet sabiex ir-rikorrenti ghamlu tlett xhur shah taht detenzjoni bis-sofferenza kollha li din gabet maghha u wkoll uhud minnhom tilfu l-impjieg li kellhom biex finalment kellhom jigu rilaxxjati stante li mid-delegazzjoni tal-Mali ma rrizulta xejn u l-intimat jipretendi li r-rikorrenti jhallu din il-grajja ghaddejja daqs li kieku huma ma sofrew xejn.

4. Illi dwar l-indefinittivita' tad-detenzjoni tenut kont ukoll tal-perjodu ta' detenzjoni gia effettwat mir-rikorrenti qabel ma gew rilaxxjati l-ewwel darba l-Qorti wkoll taqbel mas-sottomissjonijiet

tar-rikorrenti dwar dan il-punt. Jirrizulta mill-atti li l-awtoritajiet stess jammettu li hadu d-decizjoni li jarrestawhom minghajr ma saru ebda verifiki kemm kienu damu f'detenzjoni originarjament qabel ma gew rilaxxati (tant li kien hemm uhud mir-rikorrenti li ghamlu l-massimu ta' tmintax-il xarah detenzjoni) u wkoll jirrizulta li mar-ri-arrest lanqas l-istess awtoritajiet li arrestaw lir-rikorrenti kif rapprezentati mill-intimat ma kienu jafu ezatt ghal kemm zmien ir-rikorrenti kienu ser jinzammu arrestati tant li r-rikorrenti inghataw versjonijiet differenti mill-Ispettur li wettaq l-arrest uhud qalilhom gimgha, ohrajn hmistax u ohrajn xahar. L-Assistent Kummissarju Neville Xuereb li huma stess ma kienux jafu kemm ser idumu arrestati. Irrizulta li effettivament ir-rikorrenti spiccaw ghamlu tlett xhur shah arrestati minghajr ebda ragg ta' dawl jew tama meta u kif kienu ser jigu rilaxxjati u jekk kienx hemm il-possibilita' li jigu rilaxxjati. Ghal dawn ir-ragunijiet ukoll il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti fir-raba t-talba hija gustifikata bl-eskluzjoni izda li ser tinghad aktar l-isfel.

Il-Qorti ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost tqis li r-raba' talba tar-rikorrenti, kif tirreferi ghall-eventwali deportazzjoni taghhom izda u unikament kif allacjata mal-arrest tar-rikorrenti li sehh nhar l-14 ta' Novembru, 2016 u d-detenzjoni sussegwenti taghhom sar-rilaxx tal-14 ta' Frar, 2016, ghandha tigi milqugha fir-rigward biss tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu tmienja (8) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drttijiet tal-Bniedem filwaqt li ghandha tigi michuda ai termini tal-artikoli wiehed (1) u sebgha (7) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea stante li r-rikorrenti naqsu milli jidentifikaw il-konnessjoni taghha mal-allegat dritt miksur taht id-Direttiva 2008/115/EC tal-Parlament u Ewropew u tal-Kunsill.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba attrici u l-ewwel, it-tielet u l-hames eccezzjonijiet tal-intimat sorvolati u decizi permezz tad-decizjoni preliminari datata 23 ta' Frar, 2016;

2. Per conseguenza tikkonferma li l-Ministru tal-Intern u l-Avukat Generali m'humiex il-legittimi kontraditturi f'dawn il-proceduri u ghalhekk gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju sa mid-data tat-23 ta' Frar, 2016;

3. Tiddikjara r-raba' eccezzjoni tal-intimat bhala sorvolata stante li rtirata;

4. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimat limitatament fir-rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) talba tar-rikorrenti fejn dawn jirreferu ghall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea filwaqt li tichad l-istess fir-rigward tar-raba' (4) talba;

5. Tichad is-sitt eccezzjoni tal-intimat u tilqa' t-tieni talba limitatament u tqis li d-detenzjoni tar-rikorrenti li sehhet bejn il-perijodu tal-14 ta' Novembru, 2016 u l-14 ta' Frar, 2017 kienet wahda abbuziva u tmur kontra d-drittijiet taghhom kif sanciti fl-Artikolu hamsa (5) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem filwaqt li tichad it-tieni talba fil-bqija.

6. Tichad is-seba' eccezzjoni tal-intimat u tilqa' limitatament t-tielet talba attrici u tiddikjara illi d-detenzjoni tar-rikorrenti ma kinitx valida stante li kienet ibbazata fuq decizjoni ta' ritorn

abbuziva u li r-rikorrenti ma nghatawx rimedju effettiv sabiex jikkontestaw il-validita' tat-tali decizjoni, kif sancit fl-Artikolu tlettax (13) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem filwaqt li tichad it-tielet talba fil-bqija.

7. Tichad it-tmien eccezzjoni tal-intimat.

8. Tichad id-disa' eccezzjoni tal-intimat u r-risposta ulterjuri tal-intimat filwaqt li tghaddi sabiex tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti limitatament billi tiddikjara illi l-eventwali diportazzjoni tar-rikorrenti sussegwenti ghall-arrest taghhom tal-14 ta' Novembru, 2016 u d-detenzjoni taghhom sa nhar l-14 ta' Frar, 2016, bil-kundizzjonijiet ta' kif sehh l-istess arrest u d-detenzjoni msemmija ghandha tigi milqugha fis-sens li tiddikjaraha bi ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu tmienja (8) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drttijiet tal-Bniedem filwaqt li tichad ir-raba talba kif mposta ai termini tal-artikoli wiehed (1) u sebgha (7) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea stante li r-rikorrenti naqsu milli jidentifikaw il-konnessjoni tal-istess karta mal-allegat dritt miksur taht id-Direttiva 2008/115/EC tal-Parlament u Ewropew u tal-Kunsill ai termini ta' liema din il-parti tat-talba qed tigi wkoll michuda.

9. Fic-cirkostanzi li rrizultaw u cioe' li fil-mori tas-smigh tal-kawza jirrizulta li r-rikorrenti lkoll gew rilaxxjati nhar l-14 ta' Frar, 2017 l-Qorti ma tqisx li hemm rimedji ohra mehtiega u necessarji f'dan l-istadju a favur tar-rikorrenti sabiex jigu salvgwardjati ulterjoment id-drittijiet fundamentali taghhom oltre l-fatt tal-effettiv rilaxx u ghalhekk ghal din ir-raguni ser tghaddi sabiex tichad il-hames talba attrici.

10. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimat.

Fic-cirkostanzi li uhud mill-eccezzjonijiet tal-intimat gew milqugha, uhud in parte u wkoll fic-cirkostanzi li partijiet mit-talbiet gew michuda, l-Qorti tqis li l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni nkluz tad-decizjoni datata 23 ta' Frar, 2017 ghandhom jigu sopportati kif isegwi:

(i) L-ispejjez tal-intimati Ministru tal-Intern u Avukat Generali ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti sal-mument li gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju u cioe' sas-sentenza datata 23 ta' Frar, 2016;

(ii) L-ispejjez kollha rimanenti ghandhom jigu sopportati tlett kwarti minnhom mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni u l-kwart rimanenti mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Frar, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Frar, 2020**